KAPITOLU 399

ATT BIEX JIRREGOLA KOMUNIKAZZJONIJIET ELETTRONIĊI

Biex jirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi.

Sostitwit: VII. 2004.11.

31 ta' Diċembru, 1997
2 ta' Jannar, 1998

L-ATT XXXIII tal-1997, kif emendat bl-Atti XIX tal-1998, XVIII tal-2000, VI tal-2001, XXVII tal-2002, IX tal-2003 u VII tal-2004; bl-Avviż Legali 425 tal-2007; bl-Atti XXX tal-2007, XII tal-2010, IX tal-2011 u V tal-2012; u bl-Avviż Legali 180 tal-2012.

TAQSIMA I

PRELIMINARI

Titolu. *Emendat: VII. 2004.11.*

1. It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att biex jirregola Komunikazzjoni Elettroniċi.

Tifsir. *Emendat: XIX. 1998.3; XVIII.2000.31; VII. 2004.12; IX. 2011.3; A.L. 180 tal-2012.*

2. F'dan l-Att, u f'regolamenti magħmulin taħtu, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra -

"abbonat" tfisser persuna li tkun parti f'kuntratt mal-provditur ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli pubblikament għall-provvista ta' dawk is-servizzi;

"allokazzjoni ta' spektrum" tfisser l-allokazzjoni ta' onda ta' frekwenza speċifika biex tintuża minn xi wieħed jew aktar tipi ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet bir-radju, meta jkun adatt, taħt kondizzjonijiet speċifikati;

"apparat" tfisser kull tagħmir jew makkinarju, ikunu kif ikunu deskritti;

"dan l-Att" tfisser l-Att biex Jirregola l-Komunikazzjonijiet Elettroniċi, u tinkludi kull regolament magħmul taħtu kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra;

"l-Awtorità" tfisser l-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni mwaqqfa taħt l-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità dwar il-Komunikazzjoni; Kap. 418.

"awtorità regolatorja nazzjonali" tfisser dak il-korp jew korpijiet avżati għall-finijiet tal-liġi tal-Unjoni Ewropea lill-Kummissjoni Ewropea minn Stat Membru, bħala li jkunu ġew assenjati impenji fir-regolament ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, *networks* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, faċilitajiet assoċjati u servizzi assoċjati;

"awtorizzazzjoni ġenerali" tfisser il-qafas legali mwaqqaf b'dan l-Att jew taħtu li jiżgura drittijiet għall-provdiment ta' *networks* jew servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u li jistipula obbligi speċifiċi għas-settur li jistgħu japplikaw għal kull tip jew għal xi tip speċifiku ta' *networks* u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi skont dan l-Att;

"BEREC" tfisser Body of European Regulators for Electronic

Communications (Korp ta' Regolaturi Ewropej għal Komunikazzjonijiet Elettroniċi);

"deċiżjoni" tinkludi kull sentenza, direttiva, miżura, ħtieġa jew speċifikazzjoni ikunu kif ikunu deskritti magħmulin mill-Awtorità u l-kelma "deċiżjoni" għandha tiftiehem skont hekk;

"dħul" tfisser faċilitajiet u, jew servizzi li jintgħamlu disponibbli lil impriża oħra, taħt kondizzjonijiet speċifiċi, sew fuq bażi esklużiva sew mhux, bil-għan li jiġu provduti servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi inklużi meta dawn jintużaw biex iwasslu servizzi ta' soċjetà ta' informazzjoni jew biex ixandru servizzi ta' kontenut. Dan fost l-oħrajn ikopri dħul f'elementi ta' *network* u faċilitajiet assoċjati, li jistgħu jinvolvu l-konnessjoni ta' tagħmir, b'mezzi fissi jew mhux fissi (partikolarment dan jinkludi dħul fil-*loop* lokali u ġo faċilitajiet u servizzi meħtieġa biex jipprovdu servizzi permezz tal-*loop* lokali); dħul fl-infrastruttura fiżika inkluż il-bini, tubi u arbli; dħul f'sistemi ta' *software* rilevanti inklużi sistemi ta' appoġġ operattiv; dħul f'sistemi ta' informazzjoni jew *databases* għal ordnar bil-quddiem, provdiment, talbiet ta' ordnar, manutenzjoni u tiswija, u kontijiet; dħul fit-traduzzjoni ta' numri jew sistemi li joffru funzjonalità ekwivalenti; dħul f'*networks* fissi u mobbli, partikolarment għal dak li hu *roaming*; dħul f'sistemi ta' dħul kondizzjonali għal servizzi ta' televiżjoni diġitali u dħul f'servizzi ta' *network* virtwali;

"Direttiva dwar Awtorizzazzjoni" tfisser Direttiva Numru 2002/20/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu, 2002 dwar l-awtorizzazzjoni ta' *networks* tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u servizzi, kif emendata minn żmien għal żmien;

"Direttiva dwar id-Dħul" tfisser Direttiva Numru 2002/19/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu, 2002 fuq id-dħul fi, u l-interkonnessjoni ta', *networks* tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati, kif emendata minn żmien għal żmien;

"Direttiva Kwadru" tfisser Direttiva Numru 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu, 2002 dwar qafas regolatorju komuni għal *networks* tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u servizzi, kif emendata minn żmien għal żmien;

"Direttiva dwar il-Privatezza u l-Komunikazzjonijiet Elettroniċi" tfisser Direttiva Numru 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju, 2002 dwar l-ipproċessar ta' *data* personali u l-ħarsien tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi, kif emendata minn żmien għal żmien;

"Direttiva dwar Servizz Universali" tfisser Direttiva Numru 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu, 2002 dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li għandhom x'jaqsmu ma' *networks* tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u servizzi kif emendata minn żmien għal żmien;

"Direttivi dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi Ewropej" tfisser id-Direttiva Numru 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar qafas regolatorju komuni għal *networks* tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u servizzi (Direttiva Kwadru); Direttiva 2002/20/KE dwar l-awtorizzazzjoni

ta' *networks* tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u servizzi (Direttiva dwar Awtorizzazzjoni), Direttiva 2002/19/KE fuq id-dħul fi, u l-interkonnessjoni ta' *networks* tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u faċilitajiet assoċjati (Direttiva dwar id-Dħul), Direttiva 2002/22/KE fuq servizz universali u drittijiet tal-utenti li għandhom x'jaqsmu ma' *networks* tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u servizzi (Direttiva dwar Servizz Universali) u Direttiva 2002/58/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Lulju 2002 dwar l-ipproċessar ta' *data* personali u l-ħarsien tal-privatezza fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva dwar il-Privatezza Elettronika) kif emendata minn żmien għal żmien;

"drittijiet esklużivi" tfisser dritt mogħti lil xi impriża fejn jiġi riżervat għaliha d-dritt li tipprovdi servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew li tidħol għal xi attività ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fil-parametri ta' xi area ġeografika mogħtija b'esklużjoni ta' impriżi oħra;

"drittijiet speċjali" tfisser id-drittijiet li jingħataw lil xi għadd limitat ta' impriżi li, fil-parametri ta' xi area ġeografika mogħtija:

(i) jaħtru jew jillimitaw għal tnejn jew aktar l-għadd ta' dawk l-impriżi awtorizzati li jipprovdu servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew li jidħlu għal xi attività ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, xort'oħra milli skont kriterji oġġettivi, proporzjonali u mhux diskriminatorji, jew

(ii) jikkonferixxu fuq l-impriżi, xort'oħra milli skont dawk il-kriterji, vantaġġi legali jew regolatorji li sostanzjalment jolqtu l-kapaċità ta' kull impriża oħra li tipprovdi l-istess attività ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fl-istess area ġeografika taħt kondizzjonijiet li jkunu sostanzjalment ekwivalenti;

"faċilitajiet assoċjati" tfisser dawk is-servizzi assoċjati, infrastrutturi fiżiċi u faċilitajiet jew elementi oħra li huma assoċjati ma' *network* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u, jew servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li jippotenzjaw u, jew jappoġġaw il-provdiment ta' servizzi permezz ta' *network* u, jew servizz bħal dawk jew li għandhom il-potenzjal li jagħmlu dan, u jinkludu fost l-oħrajn bini jew entraturi f'bini, ħadid li jkun mal-bini, antenni, torrijiet u kostruzzjonijiet oħra ta' appoġġ, kanali, *conduits*, arbli, toqob tal-ispezzjon, u kmajjar;

"impriża" tfisser persuna li tipprovdi jew tkun awtorizzata tipprovdi *networks* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u, jew servizzi jew faċilitajiet assoċjati;

"impriża awtorizzata" tfisser impriża li titqies li tkun awtorizzata skont dan l-Att;

"interferenza dannuża" tfisser interferenza li tipperikola l-funzjonament ta' servizz ta' navigazzjoni bir-radju jew ta' servizzi oħra ta' sigurtà jew li xort'oħra gravement ibaxxu, jostruwixxu jew ripetutament jinterrompu servizz ta' komunikazzjonijiet bir-radju li jkun qed jopera skont ir-regolamenti internazzjonali, tal-Unjoni

Ewropea jew nazzjonali li jkunu japplikaw;

"interkonnessjoni" tfisser it-tagħqid fiżiku u loġiku ta' *networks* ta' komunikazzjoni pubbliċi użati mill-istess impriża jew minn impriża differenti sabiex l-utenti ta' impriża waħda jkunu jistgħu jikkomunikaw mal-utenti tal-istess impriża jew ta' xi impriża oħra, jew biex jidħlu f'servizzi provduti minn xi impriża oħra. Is-servizzi jistgħu jiġu provduti mill-partijiet involuti jew minn partijiet oħra li jkollhom dħul fin-*network*. L-interkonnessjoni hija tip speċifiku ta' dħul implimentat bejn operaturi ta' *network* pubbliku;

"konsumatur" tfisser persuna naturali li tuża jew titlob servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli pubblikament, għal għanijiet li ma jkollhomx x'jaqsmu mas-sengħa, negozju jew professjoni tiegħu;

"*loop* lokali" tfisser *circuit* fiżiku li jgħaqqad il-punt ta' terminazzjoni ta' *network* ma' nisġa ta' distribuzzjoni jew ma' faċilità ekwivalenti fin-*network* fiss ta' komunikazzjonijiet elettroniċi;

"il-Ministru" tfisser il-Ministru responsabbli għal komunikazzjoni;

"*network* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi" tfisser sistemi ta' trasmissjoni u, fejn dan japplika, tagħmir ta' *switching* jew *routing* u riżorsi oħra, inklużi elementi ta' *network* li m'humiex attivi, li jippermettu l-ġarr ta' sinjali bil-fil, bir-radju, b'mezzi ottiċi jew b'mezzi elettromanjetiċi oħra, inklużi *networks* satellitari, fissi (*circuit-switched* u *packet-switched*, inkluż l-Internet) u *networks* terrestri mobbli, sistemi ta' elettriku bil-*cable*, sal-limitu li dawn jiġu użati bil-għan li jittrasmettu sinjali, *networks* użati għal xandir bir-radju u televiżjoni, u *networks* ta' televiżjoni bil-*cable*, irrispettivament mit-tip ta' informazzjoni mwassla;

"*network* ta' komunikazzjonijiet pubbliċi" tfisser *network* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi użati għal kollox jew prinċipalment għall-provdiment ta' servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli pubblikament li jkunu b'sostenn tat-trasferiment ta' informazzjoni bejn punti ta' terminazzjoni ta' *network*;

"*network* ta' stazzjon satellitari terrestri" tfisser konfigurazzjoni ta' żewġ stazzjonijiet terrestri jew iktar li jaqbdu flimkien permezz ta' satellita;

"operatur" tfisser impriża li tipprovdi jew li hi awtorizzata li tipprovdi *network* ta' komunikazzjonijiet pubbliċi jew faċilità assoċjata;

"preskritt" tfisser preskritt b'regolamenti magħmulin taħt dan l-Att;

"provdiment ta' *network* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi" tfisser it-twaqqif, it-tħaddim jew il-kontroll ta' tali *network* jew li dan isir disponibbli;

"punt ta' terminazzjoni ta' *network*" tfisser il-punt fiżiku fejn abbonat jiġi provdut bi dħul f'*network* ta' komunikazzjonijiet pubbliċi; fil-każ ta' *networks* li jinvolvu li jsir *switching* jew *routing*, il-punt ta' terminazzjoni ta' *network* huwa identifikat

permezz ta' indirizz ta' *network* speċifiku, li jista' jkun mgħaqqad man-numru jew l-isem ta' abbonat;

"Regolamenti tar-Radju ITU" tfisser ir-Regolamenti tar-Radju annessi ma', jew li jitqiesu li jkunu annessi mal-Konvenzjoni Internazzjonali dwar it-Telekomunikazzjonijiet l-aktar reċenti tal-Għaqda tat-Telekomunikazzjonijiet Internazzjonali (ITU) kif fis-seħħ f'dak iż-żmien;

"setgħa fis-suq sinifikanti" tfisser pożizzjoni ewkivalenti għad-dominanza li l-impriża tgawdi sew individwalment sew solidament flimkien ma' oħrajn jiġifieri pożizzjoni ta' saħħa ekonomika li tagħtiha l-qawwa li ġġib ruħha b'mod sinifikanti indipendentement minn kull kompetitur, klijent u fl-aħħar ukoll konsumatur;

"servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi" tfisser servizz normalment provdut b'rimunerazzjoni li jkun jikkonsisti għal kollox jew prinċipalment fil-ġarr ta' sinjali fuq *networks* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, inkluži servizzi ta' telekomunikazzjoni u servizzi ta' trasmissjoni f'*networks* użati għax-xandir, imma eskluži servizzi li jipprovdu, jew li jeżerċitaw kontroll editorjali fuq, kontenut li jiġi trasmess billi jintużaw *networks* u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi; ma tinkludix servizzi ta' soċjetà ta' informazzjoni, kif imfissra fl-Att dwar il-Komunikazzjonijiet u Transazzjonijiet Elettroniċi, li ma jkunux jikkonsistu għal kollox jew prinċipalment fil-ġarr ta' sinjali fuq *networks* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi; Kap. 426.

"servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli pubblikament" tfisser servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli għall-pubbliku;

"servizz ta' telefon disponibbli pubblikament" tfisser servizz disponibbli għall-pubbliku li bih jiġu oriġinati u riċevuti, direttament u indirettament, telefonati nazzjonali jew nazzjonali u internazzjonali permezz ta' numru jew numri fi pjan ta' numri tat-telefon nazzjonali jew internazzjonali;

"servizz tat-televiżjoni bi skrin wiesgħa" tfisser servizz ta' televiżjoni li jikkonsisti għal kollox jew f'parti minnu fi programmi prodotti u editjati biex jintwerew f'format ta' skrin wiesgħa b'għoli sħiħ. Il-format 16:9 hu l-format ta' riferenza għal servizzi tat-televiżjoni bi skrin wiesgħa;

"servizzi assoċjati" tfisser dawk is-servizzi li jkunu assoċjati ma' *network* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u, jew ma' servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li jippotenzjaw u, jew isostnu l-provdiment ta' servizzi permezz ta' dak in-*network* u, jew servizz jew li jkollhom il-potenzjal li jagħmlu dan u tinkludi fost l-oħrajn t-traduzzjoni tan-numri jew sistemi li jkunu joffru funzjonalità ekwivalenti, sistemi ta' dħul kondizzjonali u gwidi ta' programmi elettroniċi, kif ukoll servizzi oħra bħal identità, lokalizzazzjoni u servizz ta' preżenza;

"servizzi universali" tfisser l-inqas grupp ta' servizzi ta' kwalità speċifikata li jkunu disponibbli lill-utenti kollha minkejja l-lokazzjoni ġeografika tagħhom u, fid-dawl ta' kondizzjonijiet nazzjonali speċifiċi, bi prezz irħis li jista' jintlaħaq skont ma jista' jitfisser b'dan l-Att jew taħtu;

"sistema ta' dħul kondizzjonali" tfisser kull miżura teknika u, jew arranġament li bih id-dħul f'servizz ta' xandir protett bir-radju jew bit-televiżjoni f'għamla intelliġibbli jkun magħmul b'mod kondizzjonali mal-abbonament jew xi għamla oħra ta' awtorizzazzjoni individwali prijuri;

"Stat Membru" tfisser Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

"suq intern" tfisser is-suq intern tal-Unjoni Ewropea;

"telefon pubbliku bi ħlas" tfisser telefon disponibbli għall-pubbliku ġenerali, li biex jintuża il-mezz ta' ħlas jista' jinkludi muniti u, jew karti ta' kreditu jew debitu u, jew karti ta' ħlas bil-quddiem, inkluži karti li jintużaw flimkien ma' *dialling codes*;

"telefonata" tfisser konnessjoni li ssir permezz ta' servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li tkun disponibbli pubblikament u li tkun tippermetti komunikazzjoni bil-vuċi bejn żewġ naħat;

Kap. 490.

"Tribunal" tfisser it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva mwaqqaf bl-artikolu 5 tal-Att dwar il-Ġustizzja Amministrattiva;

"utent" tfisser persuna li tuża jew titlob servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli pubblikament;

"utent finali" tfisser utent li ma jkunx qed jipprovdi *networks* ta' komunikazzjoni pubbliċi jew servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċċi disponibbli pubblikament;

Kap. 413.

"utenti finali b'diżabilità" tfisser persuna li jkollha diżabilità kif imfisser fl-Att dwar Opportunitajiet Indaqs għal Persuni b'Diżabilità, li l-bżonnijiet speċjali tagħhom bħala utent finali ikunu jew minħabba f'diżabilità jew minħabba fl-età tagħhom;

TAQSIMA II

Emendat: VII. 2004.13.

REGOLAMENT TA' KOMUNIKAZZJONIJIET ELETTRONIĊI

1. L-Awtorità Kompetenti li tirregola Komunikazzjonijiet Elettroniċi

L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni. *Sostitwit: XVIII. 2000.31; VII. 2004.14; IX. 2011.4.* Kap. 418.

3. (1) L-Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni mwaqqfa taħt l-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità dwar il-Komunikazzjoni, għandha tkun l-awtorità kompetenti biex tirregola komunikazzjonijiet elettroniċi taħt dan l-Att u, daqskemm jiġi provdut f'dan l-Att, tinforza d-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.

(2) L-Awtorità għandha tingħata riżorsi finanzjarji u umani adegwati biex tkun tista' twettaq il-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att u taħt kull liġi oħra li tkun tapplika u li għandhom x'jaqsmu mal-komunikazzjonijiet elettroniċi li l-Awtorità jkollha jedd tenforza, inkluži dawk il-funzjonijiet li jkollhom x'jaqsmu mal-koperazzjoni internazzjonali.

(3) Meta tkun qiegħda twettaq il-funzjonijiet u d-dmirijiet tagħha taħt dan l-Att u taħt kull liġi oħra li għandha x'taqsam mal-komunikazzjonijiet elettroniċi li l-Awtorità jkollha jedd tenforza, l-Awtorità għandha tappoġġa attivament il-miri ta' BEREC li jinġiebu 'l quddiem aktar kordinazzjoni u koerenza fl-applikazzjoni tad-Direttivi dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi Ewropej, u

għandha wkoll tqis mill-aħjar li tista' l-fehmiet u l-pożizzjonijiet komuni adottati minn BEREC.

(4) Meta tkun qiegħda taqdi l-funzjonijiet u d-dmirijiet tagħha taħt dan l-Att u taħt kull liġi oħra li għandha x'taqsam mal-komunikazzjonijiet elettroniċi li l-Awtorità jkollha jedd tenforza, l-Awtorità għandha tqis mill-aħjar li tista' r-rakkomandazzjonijiet rilevanti tal-Kummissjoni Ewropea. B'riferenza għar-rakkomandazzjonijiet maħruġin skont l-Artikolu 19 tad-Direttiva Kwadru, l-Awtorità għandha, jekk tagħżel li ma timxix ma' rakkomandazzjoni, tgħarraf lill-Kummissjoni Ewropea, filwaqt li tagħti r-raġunijiet għall-pożizzjoni li tkun qegħda tieħu.

(5) L-Awtorità għandha taħdem mal-Kummissjoni Ewropea u ma' BEREC biex tidentifika l-għamliet ta' strumenti u rimedji l-aktar adatti biex jindirizzaw tipi ta' sitwazzjonijiet partikulari fis-suq.

Objettivi tal-Awtorità. *Sostitwit: XVIII. 2000.31; VII. 2004.15; IX. 2011.3, 5.*

4. (1) L-objettivi tal-Awtorità fl-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att jinkludu:

(*a*) li ġġib 'il quddiem il-kompetizzjoni skont dan l-Att billi -

(i) tiżgura li l-utenti, inkluż utenti finali b'diżabilità, utenti finali anzjani, u utenti finali li jkollhom bżonnijiet soċjali speċjali, jiksbu l-aqwa benefiċċju skont l-għażla, prezz u kwalità;

(ii) tiżgura li ma jkun hemm ebda distorsjoni jew restrizzjoni ta' kompetizzjoni fis-settur tal-komunikazzjonijiet elettroniċi inkluża t-trasmissjoni ta' kontenut; u

(iii) tinkoraġġixxi użu effiċjenti u tiżgura t-tmexxija effettiva ta' frekwenzi tar-radju u riżorsi ta' enumerazzjoni;

(*b*) li tikkontribwixxi għall-iżvilupp tas-suq intern billi -

(i) tneħħi l-ostakoli li jifdal għall-provdiment ta' *networks* ta' komunikazzjoni elettronika, faċilitajiet u servizzi assoċjati u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fuq il-livell tal-Unjoni Ewropea;

(ii) tinkoraġġixxi t-twaqqif u l-iżvilupp ta' *networks* trans-Ewropej u l-interoperabilità ta' servizzi transnazzjonali u konnettività minn tarf sa tarf; u

(iii) taħdem ma' awtoritajiet regolatorji nazzjonali għall-komunikazzjonijiet elettroniċi fi Stati Membri, ma' BEREC u mal-Kummissjoni Ewropea b'mod trasparenti li jiżgura l-iżvilupp ta' prattika regolatorja konsistenti u l-applikazzjoni konsistenti tal-liġi tal-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam;

(*ċ*) li ġġib 'il quddiem l-interessi u d-drittijiet tal-utenti fl-Unjoni Ewropea billi -

(i) tiżgura li l-utenti kollha jkollhom dħul għal

servizz universali;

(ii) tiżgura livell għoli ta' protezzjoni għall-utenti meta dawn ikollhom x'jaqsmu mal-impriżi, partikolarment billi tiżgura li jkun hemm proċeduri ta' risolviment ta' tilwim sempliċi u mhux kostużi li jsiru minn korp li jkun indipendenti mill-partijiet involuti;

(iii) tikkontribwixxi sabiex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni ta' *data* u privatezza personali;

(iv) iġġib 'il quddiem il-provvediment ta' informazzjoni ċara, komprensiva u aġġornata, partikolarment fejn tkun teħtieġ it-trasparenza fit-tariffi u kondizzjonijiet biex jintużaw servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li jkunu disponibbli pubblikament;

(v) tindirizza l-ħtiġiet ta' gruppi soċjali speċifiċi, partikolarment utenti finali b'diżabilità, utenti finali anzjani u utenti finali li jkollhom bżonnijiet soċjali speċjali;

(vi) tiżgura li tinżamm l-integrità u s-sigurezza ta' *networks* ta' komunikazzjonijiet pubbliċi; u

(vii) iġġib 'il quddiem il-kapaċità ta' utenti finali li jkollhom dħul għal, u li jiddistribwixxu, informazzjoni jew iħaddmu applikazzjonijiet u servizzi li jagħżlu huma;

(*d*) li tiżgura li safejn ikun prattikabbli jkun hemm provduti f'Malta dawk is-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi skont ma dawn ikunu jissodisfaw kull talba raġonevoli għal dawk is-servizzi, inklużi servizzi ta' emerġenza, servizzi ta' sejħiet pubbliċi u servizzi ta' direttorju ta' informazzjoni.

(2) L-Awtorità għandha, bil-għan li takkwista l-għanijiet ta' *policy* msemmija f'dan l-artikolu, tapplika prinċipji regolatorji oġġettivi, trasparenti, mhux diskriminatorji u proporzjonati billi, fost l-oħrajn:

(*a*) iġġib 'il quddiem previżjoni regolatorja billi tiżgura approċċ regolatorju konsistenti għal perjodi ta' reviżjoni adatti;

(*b*) tiżgura li, f'ċirkostanzi simili, ma jkun hemm ebda diskriminazzjoni fil-mod kif jiġu trattati impriżi li jipprovdu *networks* tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u servizzi;

(*ċ*) tħares il-kompetizzjoni għall-benefiċċju tal-utenti u ġġib 'il quddiem, meta jkun adatt, kompetizzjoni bażata fuq l-infrastruttura;

(*d*) iġġib 'il quddiem investiment u innovazzjoni effiċjenti f'infrastrutturi ġodda u mtejba, inkluż billi tiżgura li kull obbligazzjoni ta' dħul tqis kif imiss ir-riskju li jkunu qegħdin jieħdu l-impriżi investituri u billi

tippermetti diversi arranġamenti koperattivi bejn investituri u partijiet li jkunu qegħdin ifittxu dħul biex jiddiversifikaw ir-riskju ta' investment, filwaqt li tiżgura li jinżammu l-kompetizzjoni fis-suq u l-prinċipju ta' ebda diskriminazzjoni;

(*e*) tieħu konsiderazzjoni kif imiss tad-diversità ta' kondizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-kompetizzjoni u l-utenti li jista' jkun hemm f'Malta;

(*f*) timponi obbligazzjonijiet regolatorji *ex-ante* biss fejn ma jkun hemm ebda kompetizzjoni effettiva u sostenibbli u tirrilaxxa jew tneħħi dawk l-obbligazzjonijiet malli titwettaq dik il-kundizzjoni; u

(*g*) tieħu l-aktar konsiderazzjoni possibbli ta' kemm ikun mixtieq li jsiru regolamenti teknoloġikament newtrali, partikolarment dawk maħsubin biex jiżguraw kompetizzjoni effettiva.

Applikabilità ta' dan l-Att. *Emendat: XVIII. 2000.31. Sostitwit: VII. 2004.17. Emendat: IX. 2011.3, 6.*

5. (1) Dan l-Att għandu japplika għad-diversi swieq ta' komunikazzjonijiet elettroniċi kemm-il darba ma jiġix xort'oħra dikjarat f'dan l-Att.

(2) Dan l-Att ma għandux japplika għall-kontenut ta' messaġġi trasmessi permess ta' *network* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi.

(3) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għat-tħaddim ta' kull liġi oħra:

(*a*) dwar servizzi provduti li jużaw *networks* u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi; jew

(*b*) dwar ir-regolament tal-kontenut u tax-xandir jew politka awdjoviżiva; jew

(*ċ*) li jkollha x'taqsam ma' tagħmir tat-*terminal* tar-radju u telekomunikazzjonijiet.

2. Disposizzjonijiet ġenerali li għandhom x'jaqsmu mar-rwol tal-Awtorità u d-drittijiet u l-obbligi tal-impriżi

Miżjud: VII. 2004.18.

Konformità meta jkun qed jitħaddem xi *network* jew jiġi pprovdut servizz. *Miżjud: XVIII. 2000.31. Sostitwit: VII. 2004.19. Emendat: XXX. 2007.22.*

6. Persuna għandha tistalla jew tħaddem *network* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew tipprovdi servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi f'Malta konformement ma' dan l-Att.

Obbligi speċjali ta' provdituri ta' *networks* ta' komunikazzjonijiet pubbliċi. *Miżjud: XVIII.2000.31. Sostitwit: VII. 2004.19. Emendat: XXX. 2007.23; IX. 2011.7.*

7. Impriża awtorizzata b'dan l-Att jew taħtu biex tħaddem *network* ta' komunikazzjonijiet pubbliċi għandha, iktar milli biss tikkonforma ruħha mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u mal-obbligi skont l-awtorizzazzjoni li jkollha, tiżgura:

(*a*) li l-kapaċità, kwantità u fattizzi tan-*network* ikunu biżżejjed biex jiġi provdut u mantenut *network* ta' komunikazzjonijiet effiċjenti;

(*b*) li n-*network* ikun biżżejjed u kompatibbli ma' dawk is-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi

internazzjonali skont ma l-Awtorità tista' tispeċifika;

(*ċ*) s-sigurezza tan-*network* u ta' kull estensjoni relattiva; u

(*d*) li ebda persuna m'għandha tagħmel ebda xogħol jew twettaq kull att ieħor, jew tkun fdata biex tkun tista' twettaq dawk ix-xogħlijiet jew twettaq dawk l-attijiet, ta' kostruzzjoni, tiswija, manutenzjoni, tibdil jew kontroll ta' *networks* tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u, jew ta' tagħmir kemm-il darba ma tkunx debitament kwalifikata u ma jkollhiex dawk il-kwalifiki biex tkun tista' twettaq dawk ix-xogħlijiet jew twettaq dawk l-attijiet li jistgħu jiġu ordnati skont id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 47.

Obbligi speċjali ta' provdituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li jkunu pubblikament disponibbli. *Miżjud: XVIII. 2000.31. Sostitwit: VII. 2004.19. Emendat: XXX. 2007.24; IX. 2011.3, 8.*

8. Meta impriża tkun awtorizzata b'dan l-Att jew taħtu li tipprovdi servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li jkun pubblikament disponibbli, din għandha -

(*a*) tipprovdi dawk is-servizzi effiċjentement, filwaqt li tikkonforma ruħha ma' kull *standard* ta' kwalità ġeneralment aċċettat fl-industrija jew skont ma jista' minn żmien għal żmien ikun speċifikat mill-Awtorità;

(*b*) tavża lill-Awtorità u tippubblika b'avviż fil-*media* meta dawk is-servizzi għandhom ikunu interrotti minħabba fl-istallazzjoni jew it-tiswija jew it-tibdil ta' apparat;

(*ċ*) tistabbilixxi mekkaniżmu effiċjenti sabiex jiġu riċevuti ilmenti u jissewwew ħsarat fin-*networks* tagħha u fis-servizzi provduti.

Definizzjoni ta' suq u analisi. *Miżjud: XVIII.2000.31. Sostitwit: VII. 2004.19; IX. 2011.9.*

9. L-Awtorità għandha, bla ħsara għal kull proċedura li tista' tkun ordnata taħt dan l-Att u skont il-prinċipji tal-liġi dwar il-kompetizzjoni, tiddefinixxi s-swieq rilevanti adatti għaċ-ċirkostanzi nazzjonali, partikolarment swieq ġeografiċi rilevanti u għandha tagħmel analisi ta' dawk is-swieq rilevanti:

Iżda meta tkun qegħda tagħmel dan l-Awtorità:

(*a*) għandha tqis mill-aħjar li tista' kull rakkomandazzjoni u linja direttiva rilevanti li l-Kummissjoni Ewropea tista' toħroġ minn żmien għal żmien skont l-Artikolu 15 tad-Direttiva Kwadru; u

Kap. 418.

(*b*) għandha timxi mal-proċeduri msemmija fl-artikolu 4A tal-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, qabel ma tiddefinixxi swieq li huma differenti minn dawk imfissra f'xi rakkomandazzjoni rilevanti li l-Kummissjoni Ewropea tista' tippubblika.

Numri. *Miżjud: XVIII. 2000.31. Sostitwit: VII. 2004.19. Emendat: A.L. 425 tal-2007; XXX. 2007.25; IX. 2011.11.*

10. (1) L-Awtorità għandha tistabbilixxi u tmexxi l-pjan ta' enumerazzjoni telefonika nazzjonali għal servizzi ta' komunikazzjoni elettroniċi, u għandha tikkontrolla l-allokazzjoni u l-assenjament tar-riżorsi ta' enumerazzjoni nazzjonali kollha. Meta tkun qed tagħmel dan l-Awtorità għandha tiżgura li jiġu provduti numri adegwati u parametri ta' enumerazzjoni għas-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi kollha li jkunu pubblikament

disponibbli.

(2) L-Awtorità għandha skont ma jkun meħtieġ, bla ħsara li tiżgura t-tmexxija kif imiss tal-pjan ta' enumerazzjoni telefonika nazzjonali, tagħti drittijiet tal-użu għal numri u parametri ta' numri għal kull servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli pubblikament skont proċeduri li huma oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji.

(3) L-Awtorità għandha, bla ħsara biss għal kull limitazzjoni li tista' tkun speċifikata mill-Ministru minħabba fis-sigurezza nazzjonali, minn żmien għal żmien, tippubblika l-elementi prinċipali tal-pjan ta' enumerazzjoni telefonika nazzjonali u kull żieda sussegwenti jew emendi li jistgħu jsirulha.

(4) L-Awtorità għandha, sakemm dan ikun prattikabbli, meta jitqiesu l-objettivi u l-funzjonijiet tagħha kif dikjarati taħt dan l-Att, issostni l-armonizzazzjoni ta' numri speċifiċi jew ta' parametri ta' enumerazzjoni fl-Unjoni Ewropea meta dik l-armonizzazzjoni tkun iġġib 'il quddiem kemm il-funzjonament tas-suq intern u l-iżvilupp ta' servizzi pan-Ewropej.

(5) L-Awtorità tista', mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità ta' kull disposizzjoni b'dan l-Att jew taħtu li jkollhom x'jaqsmu ma' awtorizzazzjonijiet, tagħmel kondizzjonijiet għad-drittijiet tal-użu għan-numri hekk li tiżgura tmexxija effiċjenti u effettiva tar-riżorsi kollha ta' enumerazzjoni.

(6) Ebda impriża ma għandha tassenja lil postijiet, terminali, persuni jew funzjonijiet f'*networks* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi pubbliċi, id-dritt li jintużaw numri li ma jkunux ġew speċifikament allokati lil dik il-persuna mill-Awtorità bil-għan li din tiġi provduta b'servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli pubblikament.

(7) Impriża li tkun ingħatat id-dritt li jintużaw parametri ta' numri m'għandhiex tiddiskrimina kontra xi provdituri oħra ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi dwar is-sekwenzi tan-numri użati biex jingħata dħul għas-servizzi tagħhom.

Projbizzjoni ta' restrizzjonijiet. *Emendat: XVIII. 2000.31. Sostitwit: VII. 2004.19; IX. 2011.12.*

11. (1) Mingħajr preġudizzju għad-Direttivi dwar il-Komunikazzjonijiet Elettroniċi Ewropej, m'għandha tiġi imposta jew tinżamm ebda restrizzjoni fuq il-provdiment ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi permezz ta' *networks* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi mwaqqfa minn xi impriża li tipprovdi servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, permezz ta' infrastrutturi provduti minn terzi, jew permezz ta' parteċipazzjoni f'*networks,* faċilitajiet jew siti oħra.

(2) M'għandu jingħata jew jinżamm fis-seħħ ebda dritt eskluživ jew speċjali għat-twaqqif u, jew il-provdiment ta' *networks* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, jew għall-provdiment ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li jkunu disponibbli pubblikament.

Ko-lokazzjoni, parteċipazzjoni f'elementi ta' *network* u faċilitajiet assoċjati. *Miżjud: IX. 2011.13.*

12. (1) Meta impriża li tipprovdi *networks* tal-komunikazzjonijiet elettroniċi jkollha dritt bil-liġi tinstalla faċilitajiet fuq, permezz ta', jew taħt proprjetà pubblika jew privata, jew tkun tista' tieħu vantaġġ minn xi proċedura għall-esproprjazzjoni jew l-użu ta' proprjetà, l-Awtorità għandha tkun tista', billi tieħu konsiderazzjoni tal-prinċipju ta' proporzjonalità, timponi l-parteċipazzjoni ta' dawk il-faċilitajiet jew proprjetà, inkluż kull bini, dżul f'bini, fili mal-bini, arbli, antenni, torrijiet u kostruzzjonijiet oħra ta' appoġġ ikunu kif ikunu imfissra, xaftijiet, kanali, toqob ta' spezzjoni u kmajjar.

(2) L-Awtorità għandha, hekk kif ikun meħtieġ, timponi obbligazzjonijiet dwar il-parteċipazzjoni fit-tqegħid ta' fili fil-bini jew sa l-ewwel punt ta' konċentrament jew distribuzzjoni meta dan ikun lokalizzat 'il barra mill-bini, fuq impriża li tipprovdi *networks* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li jkollha jedd tinstalla faċilitajiet fuq, permezz ta', jew taħt proprjetà pubblika jew privata u, jew fuq is-sid ta' dak it-tqegħid ta' fili, meta dan ikun ġustifikat abbażi li d-duplikazzjoni ta' infrastruttura bħal dik tkun waħda ekonomikament mhux effiċjenti jew fiżikament mhux prattikabbli. Dik il-parteċipazzjoni jew arranġamenti ta' kordinazzjoni għandhom ikunu jinkludu regoli għall-apporzjonament tal-ispejjeż ta' parteċipazzjoni f'xi faċilità jew proprjetà aġġustati għar-riskju meta jkun adatt.

(3) L-Awtorità tista' titlob lill-impriżi jipprovdu l-informazzjoni meħtieġa, hekk kif hija tista' titlob, biex tkun tista' tistabbilixxi inventarju dettaljat tax-xorta, disponibilità u lokazzjoni ġeografika tal-faċilitajiet imsemmija fis-subartikolu (1) u tagħmilha disponibbli għall-partijiet li jkollhom interess.

(4) Il-miżuri li jittieħdu mill-Awtorità skont dan l-artikolu għandhom ikunu oġġettivi, trasparenti, mhux diskriminatorji, u proporzjonati, u meta jkun rilevanti, dawn il-miżuri għandhom jitwettqu f'kordinazzjoni ma' awtoritajiet pubbliċi oħra.

3. Dħul u Interkonnessjoni

Funzjonijiet tal-Awtorità dwar dħul u interkonnessjoni. *Emendat: XVIII. 2000.31. Sostitwit: VII. 2004.19. Emendat: IX. 2011.14.* Kap. 418.

13. L-Awtorità għandha, filwaqt li taġixxi skont l-objettivi tagħha kif dikjarati f'dan l-Att u fl-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, tinkoraġġixxi u fejn adatt, tiżgura, skont id-disposizzjonijiet magħmulin b'dan l-Att jew taħtu, dħul u interkonnessjoni adegwati u l-interoperabilità ta' servizzi b'tali mod li:

(*a*) tinġieb 'il quddiem l-effiċjenza;

(*b*) tinġieb 'il quddiem il-kompetizzjoni sostenibbli;

(*ċ*) jinġiebu 'l quddiem investiment u innovazzjoni effiċjenti; u

(*d*) jingħata l-aqwa benefiċċju lill-utenti finali.

Projbizzjoni ta' restrizzjonijiet. *Emendat: XVIII. 2000.31; XXVII. 2002.58. Sostitwit: VII. 2004.19. Emendat: A.L. 425 ta'-2007; XXX. 2007.26; IX. 2011.15.*

14. (1) Ma jistgħu jiġu imposti jew jitħallew ebda restrizzjonijiet li jipprevjenu -

(*a*) impriżi f'Malta, jew

(*b*) impriżi f'Malta u fi Stati Membri oħra,

milli jinnegozjaw bejniethom kull ftehim fuq arranġamenti tekniċi u kummerċjali għad-dħul u, jew l-interkonnessjoni, skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea.

(2) Impriża li tkun qed titlob id-dħul jew l-interkonnessjoni f'Malta ma teħtieġx li tkun awtorizzata taħdem f'Malta jekk din ma tkunx qed tipprovdi servizzi u ma tkunx qed tħaddem *network* f'Malta.

(3) Operatur ta' *networks* ta' komunikazzjonijiet pubbliċi -

(*a*) ikollu jedd, u

(*b*) meta hekk jiġi mitlub minn xi impriża oħra li tkun awtorizzata tipprovdi *networks* ta' komunikazzjonijiet pubbliċi skont dan l-Att, ikollu obbligu,

jinnegozja interkonnessjoni bil-għan li jiġu provduti servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li jkunu disponibbli pubblikament, sabiex jiġu żgurati d-disponibilità u interoperabilità ta' servizzi f'Malta u mal-firxa kollha tal-Unjoni Ewropea.

(4) Operaturi ta' *networks* ta' komunikazzjoni pubbliċi għandhom joffru dħul u interkonnessjoni lil impriżi oħra b'dawk il-pattijiet u kondizzjonijiet konsistenti mal-obbligi imposti mill-Awtorità skont dan l-Att.

(5) Mingħajr preġudizzju għall-informazzjoni li impriża tkun meħtieġa li tipprovdi taħt jew b'dan l-Att, impriża li tikseb informazzjoni minn impriża oħra qabel, matul jew wara l-proċess ta' negozjar dwar id-dħul jew arranġamenti ta' interkonnessjoni, għandha tuża dik l-informazzjoni unikament għal dak l-għan li dwaru dik l-informazzjoni tkun ingħatat u għandha tirrispetta f'kull waqt il-konfidenzjalità ta' informazzjoni mgħoddija jew maħżuna.

(6) Impriża m'għandha tagħmel ebda informazzjoni li tkun kisbet kif imsemmi fis-subartikolu (5) disponibbli lil xi parti oħra, inklużi sussidjarji jew sħab oħra tal-istess impriża, ikunu kif ikunu deskritti, partikolarment meta dik l-informazzjoni tista' tkun tagħti vantaġġ kompetittiv.

4. Rappurtar ta' separazzjoni tal-kontijiet u separazzjoni finanzjarja

Obbligi ta' impriżi dwar separazzjoni tal-kontijiet. *Emendat: XVIII. 2000.31. Sostitwit: VII. 2004.19. Emendat: A.L. 425 tal-2007; XXX. 2007.27.*

15. Impriża li tipprovdi *network* ta' komunikazzjonijiet pubbliċi jew servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li jkunu disponibbli pubblikament, li tkun qiegħda wkoll tagħmel xi attività li ma tkunx il-provdiment ta' *network* jew servizz bħal dawk abbażi ta' drittijiet speċjali jew eskluživi għall-provdiment ta' dik l-attività sew f'Malta sew fi Stat Membru ieħor -

(*a*) għandha żżomm kontijiet verifikati separati skont kull prattika ta' verifika ġeneralment aċċettata għal attivitajiet assoċjati mal-provdiment ta' *network* jew servizz bħal dawk, sal-limitu li jkun meħtieġ kieku

dawk l-attivitajiet ikunu saru minn kumpanniji li jkunu legalment indipendenti, sabiex jiġu identifikati l-elementi kollha tan-nefqa u d-dħul, bil-bażi għall-kalkolazzjoni tagħhom u metodi ta' attribuzzjoni dettaljati użati, li jkollhom x'jaqsmu mal-attivitajiet assoċjati mal-provdiment ta' *networks* jew servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi inkluż rendikont dettaljat għal kull oġġett għan-nefqiet ta' attiv fiss u għan-nefqiet strutturali; jew

(*b*) għandu jkollha separazzjoni strutturali għall-attivitajiet assoċjati mal-provdiment ta' *networks* jew servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi:

Iżda l-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-Awtorità, b'ordni fil-Gazzetta jistabbilixxi li l-ħtiġiet imsemmija fil-paragrafu (*a*) ma japplikawx għal impriżi li jkollhom *turnover* annwali għal attivitajiet assoċjati ma' *networks* jew servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fi Stati Membri ta' inqas minn ħamsin miljun euro (50,000,000) jew kull ammont ieħor bħal dak skont ma l-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-Awtorità, jistabbilixxi b'ordni fil-Gazzetta.

Rappurtar finanzjarju.
Emendat: XVIII. 2000.31. Sostitwit: VII. 2004.19. Emendat: A.L. 425 tal-2007; XXX. 2007.28; IX. 2011.17.
Kap. 386.

16. Meta impriża li tipprovdi *networks* ta' komunikazzjoni pubbliċi jew servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi disponibbli pubblikament ma tkunx soġġetta għall-ħtiġiet tal-Att dwar il-Kumpanniji u ma tkunx tissodisfa il-kriterji ta' impriża ta' daqs żgħir u ta' daqs medju tar-regoli dwar kontijiet tal-liġi tal-Unjoni Ewropea, din għandha tiżgura li -

(*a*) għandhom isiru kontijiet ta' kull sena u dawn jiġu ppreżentati biex issirilhom verifika indipendenti u jiġu ppubblikati, u

(*b*) dik il-verifika għandha ssir skont ir-regoli rilevanti applikabbli f'Malta u fil-Komunità:

Iżda ebda ħaġa f'dan is-subartikolu ma għandha tiftiehem bħala li qed timponi obbligi li huma ta' piż akbar minn dawk imposti fuq kumpanniji bl-Att dwar il-Kumpanniji.

Sostitwit: IX. 2011.18.

5. Awtorizzazzjonijiet u Drittijiet ta' Użu

Awtorizzazzjonijiet ġenerali.
Emendat: XVIII. 2000.31. Sostitwit: VII. 2004.19. Emendat: IX. 2011.19.

17. (1) Impriża jkollha jedd tipprovdi servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew tistabbilixxi, testendi jew tipprovdi *networks* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi skont dan l-Att.

(2) Il-provdiment ta' *networks* jew servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jista', mingħajr preġudizzju għall-obbligi speċċifiċi li jistgħu jkunu imposti fuq il-provdituri ta' dawk in-*networks* u servizzi b'dan l-Att jew taħtu, ikunu biss soġġetti għal awtorizzazzjoni ġenerali.

(3) Awtorizzazzjoni ġenerali mogħtija b'dan l-Att jew taħtu lil xi impriża li tipprovdi servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u, jew biex tistabbilixxi u, jew tipprovdi *networks* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, kif ukoll kull kondizzjoni mehmuża

magħha għandha tkun ibbażata fuq kriterji oġġettivi, mhux diskriminatorji, proporzjonati u trasparenti.

Ħlasijiet amministrattivi. *Emendat: XVIII. 2000.31. Sostitwit: VII. 2004.19. Emendat: IX. 2011.20.*

18. (1) Il-ħlasijiet amministrattivi imposti mill-Awtorità fuq impriżi taħt l-awtorizazzjoni ġenerali jew li tkun ingħatatilhom konċessjoni ta' dritt ta' użu għandhom:

(*a*) b'kollox, ikopru biss in-nefqiet amministrattivi li jkunu se jsiru fil-maniġġar, kontroll u infurzar tal-iskema ta' awtorizzazzjoni ġenerali u ta' drittijiet ta' użu, u obbligi speċifiċi, u jistgħu jinkludu spejjeż għal koperazzjoni internazzjonali, armonizzazzjoni u standardizzazzjoni, analisi tas-suq, sorveljanza biex tiġi assigurata konformità u kontroll ieħor tas-suq, kif ukoll kull xogħol regolatorju li jinvolvi konformità ma' dan l-Att u t-tħejjija u l-infurzar ta' deċiżjonijiet maħruġa minn jew taħt dan l-Att; u

(*b*) ikunu imposti fuq l-impriżi individwali b'mod oġġettiv, trasparenti u proporzjonat li jnaqqas l-ispejjeż amministrattivi u addizzjonali u l-ħlasijiet relattivi.

(2) L-Awtorità għandha, għar-rigward tat-talba ta' dawk il-ħlasijiet amministrattivi, tippubblika prospett annwali tal-ispejjeż amministrattivi li tagħmel u tal-ammont totali ta' ħlasijiet miġbura.

(3) L-Awtorità għandha, fil-każ ta' ħlasijiet imposti ta' kull sena, tagħmel ħlasijiet lura kif imiss jew hekk tagħti kumpens fil-każ ta' ħlas żejjed u iktar milli jmiss, jew timponi ħlasijiet addizzjonali fil-każ ta' ħlas inqas milli jmissu jsir ta' persuna li fuqha jiġi impost ħlas fil qjies ta' kull differenza bejn l-ammont totali ta' ħlasijiet amministrattivi miġbura u l-ispejjeż amministrattivi li jsiru.

(4) Drittijiet li jistgħu jiġu imposti għal drittijiet ta' użu għal frekwenzi tar-radju u, jew numri għandhom jirriflettu l-ħtieġa li jiġi żgurat l-aħjar użu tal-ispettru ta' frekwenza tar-radju u l-iskema ta' enumerazzjoni nazzjonali.

(5) Dawk id-drittijiet imsemmija fis-subartikolu (4) ikunu oġġettivament ġustifikati, trasparenti u mhux diskriminatorji u proporzjonali għar-rigward tal-għan maħsub għalihom u għandhom iqisu l-objettivi stipulati fl-artikolu 4.

Awtorizzazzjonita' *networks* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u servizzi. *Emendat: XIX. 1998.3; XVIII. 2000.31; VI. 2001.29. Sostitwit: VII. 2004.19. Emendat: A.L. 425 tal-2007; XXX. 2007.29; IX. 2011.21.*

19. (1) Bla ħsara għas-subartikolu (4), persuna li jkollha ħsieb tipprovdi *network* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u, jew servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi għandha, qabel ma tagħmel dan, toħroġ notifika lill-Awtorità bl-intenzjoni li jkollha li tipprovdi tali *network* u, jew servizz.

(2) Notifika taħt is-subartikolu (1) tkun f'dik l-għamla u jkollha dik l-informazzjoni li l-Awtorità tista' minn żmien għal żmien tistabbilixxi u għandu jkun fiha informazzjoni li tkun meħtieġa biex l-Awtorità żżomm lista ta' provdituri ta' *networks* u, jew servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi.

(3) Malli l-Awtorità tirċievi n-notifika skont is-subartikolu (1), il-persuna involuta għandha titqies li tkun awtorizzata li tipprovdi

network ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u, jew servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, bla ħsara għal dawk il-kondizzjonijiet li jistgħu jkunu imposti skont dan l-Att.

(4) L-Awtorità tista' tistabbilixxi li persuna li tipprovdi *network* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u, jew servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi ta' klassi jew deskrizzjoni partikolari li tiġi speċifikata f'dik id-deċiżjoni, ma tkunx soġġetta għall-ħtiġiet tas-subartikolu (1).

(5) Impriżi li jipprovdu servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi transkonfini lil impriżi lokalizzati f'diversi Stati Membri ma jinħtieġux jippreżentaw iżjed minn notifika waħda għal kull Stat Membru involut.

(6) L-Awtorità tista', bl-approvazzjoni tal-Ministru, b'Ordni fil-Gazzetta temenda d-drittijiet, il-kondizzjonijiet u l-proċeduri li jirrigwardjaw awtorizzazzjonijiet u drittijiet ġenerali ta' użu għal numri, iżda emendi bħal dawk jistgħu biss isiru f'każijiet oġġettivament ġustifikati u b'mod proporzjonali:

Iżda l-Awtorità, qabel ma tagħmel xi emenda bħal dik, għandha tagħti avviż b'dak il-mod li tqis adatt tal-ħsieb li jkollha, billi tistieden partijiet interessati inkluži utenti u konsumaturi, biex jagħmlu s-sottomissjonijiet tagħhom fuq l-emendi proposti f'dak iż-żmien ta' mhux inqas minn tletin jum skont ma jista' jiġi speċifikat fl-avviż. L-Awtorità tista' f'ċirkostanzi li hi tqis li jkunu eċċezzjonali, tqassar dak il-perijodu.

Emendi tal-awtorizzazzjoni ġenerali u ta' jeddijiet ta' użu. *Miżjud: IX. 2011.23.*

20. L-Awtorità tista', bl-approvazzjoni tal-Ministru, b'ordni fil-Gazzetta, temenda d-drittijiet, il-kondizzjonijiet u l-proċeduri li jirrigwardaw awtorizzazzjonijiet ġenerali u jeddijiet ta' użu ta' numri, iżda emendi bħal dawk jistgħu jsiru biss f'każijiet oġġettivament ġustifikati u b'mod proporzjonat filwaqt li jittieħed kont, meta jkun adatt, tal-kondizzjonijiet speċifiċi li jkunu japplikaw għal jeddijiet ta' użżu trasferibbli għal frekwenzi tar-radju:

Iżda qabel ma tagħmel xi emenda bħal dik, l-Awtorità għandha, ħlief għal każijiet fejn l-emendi proposti jkunu ta' ftit importanza u jkunu ġew miftiehma mad-detentur tad-drittijiet jew tal-awtorizzazzjoni ġenerali, tavża dwar l-intenzjoni li jkollha b'dak il-mod li tqis l-aktar adatt, filwaqt li tistieden lill-partijiet li jkollhom interess, inkluži l-utenti u l-konsumaturi, iressqu l-ilmenti tagħhom fuq l-emendi proposti fi żmien mhux inqas minn tletin ġurnata, hekk kif jista' jiġi speċifikat fl-avviż. L-Awtorità tista' meta ċ-ċirkostanzi jidhru li jkunu eċċezzjonali, tqassar dak iż-żmien.

21. Il-fatt li persuna tkun konformi ma' kull awtorizzazzjoni b'dan l-Att jew taħtu li biha persuna tkun tista' tinstalla jew tħaddem *network* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew tipprovdi xi servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, ma għandux jeħles lil dik il-persuna minn kull ħtieġa skont il-liġi li tapplika għal, u tikseb xi awtorizzazzjoni, liċenza jew permessi oħra, ikunu kif ikunu deskritti, jew minn kull obbligazzjoni li toriġina minn kull liġi, liċenza, awtorizzazzjoni jew permessi oħra, ikunu kif ikunu deskritti.

Ħtieġa li jinkisbu awtorizzazzjonijiet oħra, eċċ., meħtieġa skont il-liġi.
Miżjud: XVIII. 2000.31. Sostitwit: VII. 2004.19. Enumerat mill-ġdid: IX. 2011.22.

6. Obbligi ta' impriżi pubbliċi li jkunu vertikalment integrati

22. Impriża li tkun vertikalment integrata, li fuqha l-Gvern ta' Malta jew ta' Stat Membru ikollu il-kontroll effettiv u li tipprovdi *networks* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u li tkun f'pożizzjoni dominanti, ma għandhiex tiddiskrimina favur l-attivitajiet tagħha nnifisha.

Projbizzjoni ta' diskriminazzjoni favur wieħed innifsu.
Emendat: XVIII. 2000.31. Sostitwit: VII. 2004.19. Emendat: A.L. 425 tal-2007; XXX. 2007.30. Enumerat mill-ġdid: IX. 2011.22.

7. Interessi u drittijiet tal-utent finali

23. (1) Impriża għandha tipprovdi kuntratt lill-abbonati kollha f'*network* ta' komunikazzjonijiet pubbliċi u, jew lil servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li jkunu disponibbli pubblikament, u għandha tipprovdi dawk is-servizzi skont dak il-kuntratt.

Jeddijiet tal-utenti finali u l-informazzjoni li għandha tiġi inkluża.
Emendat: XVIII. 2000.31. Sostitwit: VII. 2004.19; IX. 2011.25.

(2) Il-kuntratt imsemmi fis-subartikolu (1) għandu jkun espressament jinkludi dik l-informazzjoni li tista' tiġi speċifikata b'regolamenti mill-Ministru wara li jikkonsulta mal-Awtorità, sabiex iħares l-interessi tal-abbonati u tal-utenti.

(3) Impriża msemmija fis-subartikolu (1) għandha, mhux inqas minn tletin ġurnata qabel ma jibda jseħħ xi tibdil propost fil-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-kuntratt ta' servizz, tavża bil-miktub lill-abbonati kollha f'dak is-servizz mill-inqas:

(*a*) bit-tibdil propost fil-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-kuntratt ta' servizz;

(*b*) bil-jedd ta' rtirar bla ebda piena minn dak il-kuntratt jekk ma jiġux aċċettati t-tibdiliet; u

(*ċ*) b'kull ħlas lura li jista' jingħata mal-irtirar mill-kuntratt minħabba f'dawk it-tibdiliet, inkluż kull mod li bih l-abbonat għandu, bla ma jġarrab ebda spejjeż żejda, jitħallas lura kull pagament li jkun għamel bil-quddiem u li ma jkunx ġie utilizzat.

(4) Impriża msemmija fis-subartikolu (3) għandha tavża lill-Awtorità bil-miktub, qabel ma tinnotifika lill-abbonati, u tagħtihom żmien sew hekk kif jista' jiġi speċifikat mill-Awtorità, b'kull tibdil propost fil-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-kuntratt ta' servizz.

(5) L-Awtorità tista', fuq talba bil-miktub lil impriża, magħmula skont xi rekwiżit li jista' jiġi stabbilit mill-Awtorità, f'każijiet fejn it-tibdil propost fil-pattijiet u l-kundizzjonijiet tal-kuntratt tas-servizz ikun manifestament ta' benefiċċju għall-utenti

kollha ta' dak is-servizz, teżenta lill-impriża milli tapplika d-dritt imsemmi fis-subartikolu (3)(*b*).

Nullità ta' kuntratt u ta' ċertu pattijiet u l-kondizzjonijiet. *Emendat: XVIII.2000.31. Sostitwit: VII. 2004.19; IX. 2011.26.*

24. Kuntratt, patt jew kundizzjoni għall-provdiment ta' servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, ukoll jekk miftiehma mill-abbonat jew mill-utent, ikunu nulli u bla ebda effett safejn dawn ikunu inkonsistenti ma' dispożizzjonijiet magħmulin b'dan l-Att jew taħtu jew mal-pattijiet u l-kondizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni li taħthom jiġi provdut is-servizz.

TAQSIMA III

ĦARSIEN LEGALI TA' SERVIZZI BAŻATI FUQ JEW LI JIKKONSISTU FI DĦUL KONDIZZJONALI

Ħarsien legali ta' servizzi bbażati fuq aċċess kondizzjonali jew li jikkonsistu fih. *Miżjud: IX. 2003.89. Emendat: VII. 2004.21; A.L. 425 ta l-2007. Enumerat mill-ġdid: IX. 2011.22.*

25. (1) (1) F'dan l-artikolu:

"aċċess kondizzjonali" tfisser miżuri jew arranġamenti tekniċi li jkunu jippermettu li jsir aċċess f'forma inteliġibbli, u soġġett għal awtorizzazzjoni individwali bil-quddiem, għal xi wieħed mis-servizzi li jikkostitwixxi servizz protett;

"apparat ta' aċċess kondizzjonali" tfisser kull tagħmir, *software* jew arranġament iddisinjat jew adattat sabiex jagħti aċċess f'forma inteliġibbli lil xi wieħed mis-servizzi li jikkostitwixxu servizz protett;

"apparat mhux leċitu" tfisser kull tagħmir, *software* jew arranġament iddisinjat jew adattat sabiex jagħti aċċess f'forma inteliġibbli lil xi wieħed mis-servizzi li jikkostitwixxu servizz protett mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-provditur tas-servizz;

"servizz fi programm" tfisser dak kollu fil-kuntest ta' servizz wieħed ipprovdut minn xandar partikolari;

"servizz protett" tfisser xi jew kull wieħed minn dawn is-servizzi li ġejjin meta dan jiġi pprovdut bi ħlas u abbażi ta' aċċess kondizzjonali:

(i) servizzi ta' programmi televiżivi;

(ii) servizzi ta' xandir bir-radju inklużi programmi tar-radju intiżi li jaslu għand il-pubbliku, li jiġu trasmessi bil-fil jew mingħajr fili, inklużi dawk bis-satellita;

(iii) servizzi ta' soċjetà ta' informazzjoni offruti b'mezzi elettroniċi, mill-bogħod u fuq talba individwali ta' min jirċievi s-servizzi jew l-għoti ta' aċċess kondizzjonali għas-servizzi ta' hawn qabel li jitqies bħala servizz fih innifsu;

"xandar" tfisser il-persuna naturali jew ġuridika li jkollha responsabbiltà editorjali għall-komposizzjoni ta' servizzi fi programm televiżiv li jaslu għand il-pubbliku in ġenerali u li xxandarhom, jew tara li jiġu mxandra, sħaħ kif ikunu u mhux mittifsa, minn terzi.

Atti ta' kontravvenzjoni li jikkostitwixxu reat kriminali.

(2) Kull min -

(*a*) jimmanifattura jew jipproduċi apparat mhux leċitu għal finijiet kummerċjali; jew

(*b*) jimporta apparat mhux leċitu ġewwa Malta għal finijiet kummerċjali; jew

(*ċ*) iqassam apparat mhux leċitu ġewwa Malta jew minn Malta għal finijiet kummerċjali; jew

(*d*) ibigħ jew jikri apparat mhux leċitu għal finijiet kummerċjali; jew

(*e*) ikollu apparat mhux leċitu għal finijiet kummerċjali; jew

(*f*) jinstalla, jagħmel manutenzjoni fuq, jew jirrimpjazza apparat mhux leċitu għal finijiet kummerċjali; jew

(*g*) kummerċjalment jippromwovi, iqiegħed fis-suq jew jirreklama apparat mhux leċitu,

jista', meta jinsab ħati, jeħel priġunerija għal żmien mhux iżjed minn sena jew multa ta' tlieta u għoxrin elf u mitejn u disgħin euro (23,290), jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Qirda ta' apparat mhux leċitu.

(3) Fi proċedimenti li jkunu qegħdin isiru taħt is-subartikolu (2), il-Qorti għandha tordna lill-Kummissarju tal-Pulizija jeqred oġġetti li jiġu stabbiliti bħala apparat mhux leċitu mingħajr ma jingħata kumpens ta' ebda xorta lil ħadd u, meta persuna tinsab ħatja li tkun kisret id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) għar-rigward ta' dawk l-oġġetti, għas-spejjeż ta' dik il-persuna.

Proċedimenti ċivili.

(4) Il-provditur ta' servizz protett li jkollu l-interessi tiegħu milqutin minn xi att imsemmi fis-subartikolu (2)(*a*) sa (*g*) jkollu jedd kontra min jagħmel dak l-att u għar-rigward ta' dak l-att:

(*a*) jibda azzjoni ċivili għad-danni, u

(*b*) jitlob il-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni sabiex jikseb protezzjoni provviżorja tal-interessi tiegħu, u

(*ċ*) jitlob li tinħareġ ordni mill-Qorti kompetenti għall-qirda jew, jekk ikun adatt, it-tneħħija ta' apparat mhux leċitu 'il barra minn kanali kummerċjali.

TAQSIMA IV

Miżjuda: XII. 2010.5.

RADJOKOMUNIKAZZJONI

Tifsir. *Miżjud: XII. 2010.5. Emendat: IX. 2011.3. Enumerat mill-ġdid: IX. 2011.27.*

26. (1) F'din it-Taqsima kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtie xort'oħra:

"apparat" tfisser kull apparat, inkluż kull tagħmir jew makkinarju ikun kif ikun deskritt, intiż għar-radjokomunikazzjoni u tinkludi kull parti komponenti ta' apparat bħal dak;

"apparat għar-riċezzjoni tax-xandir" tfisser kull apparat użat jew li jista' jintuża għar-riċezzjoni ta' trasmissjonijiet ta' smigħ jew ta' stampa viżwali jew ta' smigħ u stampa viżwali maħsuba għar-riċezzjoni diretta mill-pubbliku in ġenerali;

"awtorizzazzjoni" tinkludi awtorizzazzjoni individwali jew liċenza tkun kif tkun deskritta maħruġa taħt din it-Taqsima, jew kull awtorizzazzjoni ġenerali tkun kif tkun deskritta li tkun tapplika għal xi apparat ta' radjokomunikazzjoni hekk kif jista' jiġi provdut b'din jew taħt din it-Taqsima;

"awtorizzazzjoni ġenerali" tfisser il-qafas stabbilit b'din jew taħt din it-Taqsima li jistipula d-drittijiet u l-obbligi ta' persuni li jkunu qegħin jużaw xi apparat ta' radjokomunikazzjoni bħal dak li l-Ministru jista' minn żmien għal żmien u kif hemm fid-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima isemmi b'ordni fil-Gazzetta li jkunu koperti b'awtorizzazzjoni ġenerali;

"liċenza individwali ta' radjokomunikazzjoni" tfisser liċenza individwali li tingħata kif hemm fl-artikolu 30 jew fl-artikolu 32 kif jista' jkun il-każ;

"radjokomunikazzjoni" tfisser l-emissjoni jew ir-riċezzjoni, fuq passaġġi li m'humiex provduti b'xi ħaġa materjali mibnija jew irranġata għal dak l-għan, ta' enerġija elettro-manjetika li sservi sabiex jintbagħtu messaġġi, smigħ jew stampi viżwali (sew jekk il-messaġġi, is-smigħ jew l-istampi jkunu attwalment riċevuti minn xi persuna sew jekk ma jkunux), jew tintuża f'dak li għandu x'jaqsam mad-determinazzjoni tal-pożizzjoni, direzzjoni jew distanza, jew biex tinkiseb informazzjoni dwar il-preżenza, assenza, pożizzjoni jew moviment, ta' xi ħaġa jew ta' diversi oġġetti ta' kull klassi u riferenza għal apparat jew installazzjoni għar-radjokomunikazzjoni tkun kif tkun deskritta għandhom jiftiehmu bħala riferenzi għal apparat jew installazzjonijiet għall-emissjoni jew ir-riċezzjoni ta' dik l-enerġija elettro-manjetika kif hawn qabel imsemmi:

Iżda meta xi apparat ikun elettrikament akkoppjat ma' xi installazzjoni li tagħti bidu, tittrasmetti jew twassal stampi viżwali għall-fini li xi persuna tkun tista' tirċievi xi waħda minn dawn l-istampi viżwali (sew jekk dik l-istallazzjoni tkun istallazzjoni għar-radjokomunikazzjoni sew jekk ma tkunx) l-apparat hekk akkoppjat għandu fih innifsu jitqies għall-fini ta' din it-Taqsima li jkun apparat għar-radjokomunikazzjoni;

"Taqsima" tfisser din it-Taqsima ta' dan l-Att u tinkludi kull regolamenti magħmulin taħtha kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra.

(2) Għall-fini ta' din it-Taqsima kull apparat li ordinarjament jintuża bżala parti komponenti distintiva ta' apparat għar-radjokomunikazzjoni għandu jitqies li jkun maħsub li hekk jintuża, kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja.

Delega ta' setgħat taħt din it-Taqsima. *Miżjud: XII. 2010.5. Enumerat mill-ġdid: IX. 2011.27.*

27. (1) Il-Ministru jista' b'ordni fil-Gazzetta jiddelega kull waħda mis-setgħat jew funzjonijiet tiegħu taħt din it-Taqsima minbarra s-setgħa li jagħmel regolamenti lill-Awtorità jew lil kull korp ieħor stabbilit bil-liġi jew lil xi aġenzija tal-Gvern, u meta jkun qiegħed jagħmel delega bħal dik il-Ministru jista' jiddelega setgħat differenti u, jew funzjonijiet lil korpi differenti kif hawn qabel imsemmi:

Iżda meta jkun qiegħed jiddelega setgħat u, jew funzjonijiet bħal dawk il-Ministru jista' jispeċifika l-għan u l-limiti, jekk ikun hemm, ta' delega bħal dik.

(2) L-Awtorità tista' toħroġ kull awtorizzazzjoni ġenerali dwar apparat ta' radjokomunikazzjoni hekk kif il-Ministru jista' minn żmien għal żmien b'ordni fil-Gazzetta jistabbilixxi li jkunu koperti minn dawk l-awtorizzazzjonijiet ġenerali:

Iżda kull dritt li jista' jitħallas dwar awtorizzazzjonijiet ġenerali bħal dawk għandu jiġi stabbilit mill-Ministru:

Iżda wkoll il-fakultà li tinħareġ awtorizzazzjoni ġenerali għandha tkun tinkludi l-fakultà li jiġu emendati d-drittijiet, il-kundizzjonijiet u l-ispeċifikazzjonijiet imsemmija f'dawk l-awtorizzazzjonijiet ġenerali.

(3) Meta tkun qegħda toħroġ jew temenda awtorizzazzjoni ġenerali l-Awtorità għandha l-ewwel tippubblika fuq il-*website* tagħha u, jew fuq kull mezz ieħor ta' komunikazzjoni, dikjarazzjoni dwar l-awtorizzazzjoni ġenerali li tkun qegħda tiġi proposta jew ta' kull emenda li tkun qegħda ssirilha, fejn il-partijiet interessati jingħataw l-opportunità jikkummentaw fuq l-awtorizzazzjoni ġenerali li tkun qegħda tiġi proposta jew fuq kull emenda li tkun qegħda ssirilha f'dak iż-żmien li l-Awtorità tqis li jkun raġonevoli.

(4) L-Awtorità għandha tiżgura li kull awtorizzazzjoni ġenerali jew emendi li jkunu qegħdin isirulha jingħataw pubbliċità.

(5) Il-Ministru jkollu jedd jirrevoka jew ibiddel kull awtorizzazzjoni magħmula taħt is-subartikolun(1) u jew kull awtorizzazzjoni magħmula taħt is-subartikolu (2) b'ordni fil-Gazzetta.

Awtorizzazzjonijiet mill-Ministru ta' apparat ta' radjo-komunikazzjoni.
Miżjud: XII. 2010.5.
Enumerat mill-ġdid: IX. 2011.27.
Emendat: V. 2012.56.

28. (1) Ebda persuna m'għandha, mingħajr ma jkollha liċenza individwali tar-radjokomunikazzjoni mogħtija bil-miktub mill-Ministru tinstalla jew tuża apparat preskritt mill-Ministru.

(2) Il-Ministru jista' jeħtieġ lil xi persuna li -

(*a*) tkun qegħda tuża xi apparat li japplika għalih dan l-artikolu bi ksur ta' xi disposizzjoni ta' din it-Taqsima u, jew ta' xi kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni li jistgħu jkunu japplikaw għal dak l-apparat, jew

(*b*) tkun qegħda tuża jew tippermetti li jintuża dak l-apparat għal frekwenzi mhux awtorizzati,

li tieqaf milli tuża apparat bħal dak u, jew teħtieġ lil dik il-persuna tikkonsenja l-apparat lill-Ministru:

Iżda l-Ministru jista' jissekwestra u, jew iżomm apparat bħal dak u, jew jara li l-użu ta' apparat bħal dak ikun ristrett b'kull mod, taħt dawk il-kundizzjonijiet u għal dak il-perjodu ta' żmien hekk kif il-Ministru jista' jispeċifika meta l-Ministru jsib li dak l-apparat ikun qiegħed jiġi użat bi ksur ta' din it-Taqsima jew ta' xi kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni li jistgħu jkunu japplikaw għal dak l-apparat:

Iżda wkoll spejjeż imġarrba mill-Ministru fit-twettiq tal-funzjonijiet tiegħu taħt dan is-subartikolu inklużi s-sekwestru, tiżmim, jew ħażna tkun kif tkun deskritta ta' dak l-apparat, jistgħu jiġu rkuprati bħala dejn ċivili mill-Ministru mingħand kull persuna li taġixxi bi ksur ta' dan l-artikolu.

(3) Liċenza individwali tar-radjokomunikazzjoni mogħtija taħt dan l-artikolu tista' tinħareġ bla ħsara għal dawk il-pattijiet, kundizzjonijiet u limitazzjonijiet hekk kif il-Ministru jista' jqis li jkunu adatti, partikolarment inklużi limitazzjonijiet dwar l-apparat

li jista' jiġi installat jew użat taħt dik il-liċenza individwali u l-postijiet fejn, il-finijiet li dwarhom, iċ-ċirkostanzi li fihom u l-persuni li jista' jintuża l-apparat minnhom:

Iżda liċenza bħal dik tista' tiġi revokata, jew il-pattijiet, il-kundizzjonijiet jew limitazzjonijiet tagħha jiġu mibdula b'avviż bil-miktub mill-Ministru li jiġi notifikat lid-detentur tal-liċenza individwali jew b'avviż ġenerali, li jkun japplika għal liċenzi individwali tal-klassi li l-liċenza individwali inkwistjoni tkun tappartjeni għalihom, li jiġi pubblikat fil-Gazzetta.

(4) Liċenza individwali tar-radjokomunikazzjoni mogħtija taħt dan l-artikolu għandha, kemm-il darba ma jkunx ġiet qabel revokata mill-Ministru, tibqa' fis-seħħ għal dak il-perjodu li jista' jiġi speċifikat fil-liċenza.

(5) Kull persuna li tikser id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu jew li taġixxi bi ksur ta' xi pattijiet, kundizzjonijiet jew limitazzjonijiet, ikunu kif ikunu deskritti, meħmuża ma' liċenza individwali maħruġa kif hemm f'dan l-artikolu tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux inqas minn tliet mitt euro (€300) u mhux iżjed minn għaxart elef euro (€10,000) għal kull apparat; u fuq talba tal-prosekuzzjoni l-Qorti tista' tordna li l-apparat jiġi konfiskat u konsenjat lill-Ministru.

Infurzar.
Miżjud: XII. 2010.5.
Enumerat mill-ġdid: IX. 2011.27.

29. (1) Kull persuna li tkun awtorizzata kif imiss mill-Ministru li taġixxi f'ismu meta jkun qed jeżerċita xi setgħa taħt din it-Taqsima, għandha, meta tintalab minn xi persuna involuta b'dan kollu, turi lil dik il-persuna biex tkun tista' tispezzjonah ċertifikat maħruġ mill-Ministru li jkun jgħid li huwa jkun awtorizzat kif imiss li jaġixxi għal u f'isem il-Ministru.

(2) Fl-eżerċizzju ta' xi setgħa mogħtija taħt din it-Taqsima, il-Ministru jista' jitlob l-għajnuna tal-Pulizija.

(3) Id-diretturi u l-*managers*, jissejħu kif jissejħu, jew kull persuna oħra li jkunu jew li kienu responsabbli għall-operazzjonijiet jew l-attivitajiet li jaqgħu taħt il-funzjonijiet superviżorji jew regolatorji tal-Ministru, għandhom jassistu u jikkollaboraw mal-Ministru sabiex huwa jkun jista' jwettaq il-funzjonijiet tiegħu, u għandhom jiġbru u jwasslu mingħajr ebda dewmien żejjed dik l-informazzjoni u d-dokumentazzjoni hekk kif il-Ministru jista' raġonevolment jitlob minn żmien għal żmien.

(4) Kull persuna li tostruwixxi, timpedixxi jew tattakka lil xi persuna li tkun awtorizzata kif imiss mill-Ministru li taġixxi f'ismu fit-twettiq ta' xi setgħa taħt din it-Taqsima, jew li tonqos jew tirrifjuta milli tħares xi ħtieġa taħt din it-Taqsima tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux inqas minn erba' mitt euro (€400) u mhux iżjed minn tnax-il elf euro (€12,000).

Awtorizzazzjonijiet ta' apparat ta' radjo-komunikazzjoni mill-Awtorità.
Miżjud: XII. 2010.5.
Enumerat mill-ġdid: IX. 2011.27.

30. (1) Id-disposizzjonijiet ta' dan l-artikolu għandhom ikunu japplikaw għal kull apparat minbarra dak li japplika għalih l-artikolu 28.

(2) Ebda persuna m'għandha, mingħajr liċenza individwali tar-radjokomunikazzjoni mogħtija bil-miktub mill-Awtorità, tinstalla jew tuża xi apparat.

(3) L-Awtorità tista' teħtieġ lil xi persuna li -

(*a*) tkun qegħda tuża apparat bi ksur ta' xi disposizzjoni ta' din it-Taqsima u, jew ta' xi kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni li jistgħu jkunu japplikaw għal dak l-apparat, jew

(*b*) tkun qegħda tuża jew tippermetti li jintuża dak l-apparat għal frekwenzi mhux awtorizzati,

li tieqaf milli tuża apparat bħal dak u, jew teħtieġ lil dik il-persuna li tikkonsenja l-apparat lill-Awtorità:

Iżda l-Awtorità tista' tissekwestra u, jew iżżomm apparat bħal dak u, jew tara li l-użu ta' apparat bħal dak ikun ristrett b'kull mod, taħt dawk il-kundizzjonijiet u għal dak il-perjodu ta' żmien li l-Awtorità tispeċifika meta l-Awtorità jirriżultalha li dak l-apparat ikun qiegħed jiġi użat bi ksur ta' din it-Taqsima jew ta' xi kundizzjonijiet ta' awtorizzazzjoni li jistgħu jkunu japplikaw għal dak l-apparat:

Iżda wkoll spejjeż imġarrba mill-Awtorità fit-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan is-subartikolu inklużi s-sekwestru, tiżmim, jew ħażna jkunu kif ikunu deskritti ta' dak l-apparat, jistgħu jiġu rkuprati bħala dejn ċivili mill-Awtorità mingħand kull persuna li taġixxi bi ksur ta' dan l-artikolu.

(4) Liċenza individwali tar-radjokomunikazzjoni mogħtija taħt dan l-artikolu tista' tinħareġ bla ħsara għal dawk il-pattijiet, kundizzjonijiet u limitazzjonijiet hekk kif l-Awtorità tista' tqis li jkunu adatti, partikolarment inklużi limitazzjonijiet dwar l-apparat li jista' jiġi installat jew użat taħt dik il-liċenza individwali u l-postijiet fejn, il-finijiet li dwarhom, iċ-ċirkostanzi li fihom u l-persuni li jista' jintuża l-apparat minnhom:

Iżda liċenza bħal dik tista' tiġi revokata, jew il-pattijiet, kundizzjonijiet jew limitazzjonijiet tagħha jiġu mibdula b'avviż bil-miktub mill-Awtorità li jiġi notifikat lid-detentur tal-liċenza individwali jew b'avviż ġenerali, li jkun japplika għal liċenzi individwali tal-klassi li l-liċenza individwali inkwistjoni tkun tappartjeni għalihom, li jiġi pubblikat fil-Gazzetta.

(5) Liċenza individwali tar-radjokomunikazzjoni għandha, kemm-il darba ma jkunx ġiet qabel revokata mill-Awtorità tibqa' fis-seħħ għal dak il-perjodu li jista' jiġi speċifikat fil-liċenza.

(6) Id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2) m'għandhomx ikunu japplikaw għal xi apparat li jkun regolat b'awtorizzazzjoni ġenerali maħruġa kif hemm fid-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima.

Pieni.
Miżjud: XII. 2010.5. Enumerat mill-ġdid: IX. 2011.27.

31. Kemm-il darba ma jiġix provdut xort'oħra f'din it-Taqsima, kull persuna li tikser xi disposizzjoni ta' din it-Taqsima, jew ta' kull regolamenti magħmulin taħtha, jew li taġixxi bi ksur ta' xi pattijiet, kundizzjonijiet jew limitazzjonijiet, ikunu kif ikunu deskritti, mehmuża ma' liċenza individwali jew ma' awtorizzazzjoni ġenerali, tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux inqas minn tliet mitt euro (€300) u mhux iżjed minn għaxart elef euro (€10,000) għal kull apparat; u fuq talba tal-prosekuzzjoni l-Qorti tista' tordna li l-apparat jiġi konfiskat u konsenjat lill-Awtorità kif jista' jkun il-każ.

Riċevituri tax-xandir għas-smigħ biss.
Miżjud: XII. 2010.5. Enumerat mill-ġdid: IX. 2011.27.

32. M'hi meħtieġa ebda awtorizzazzjoni għal riċevituri tax-xandir għas-smigħ biss.

Il-Ministru jista' jeżenta lil ċerti kategoriji mill-ħtiġiet tal-artikolu 30.
Miżjud: XII. 2010.5. Emendat: IX. 2011.28.

33. Il-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-Awtorità, b'ordni fil-Gazzetta jeżenta lil ċerti kategoriji ta' apparat mill-ħtiġiet tal-artikolu 30.

Setgħa li jagħmel regolamenti.
Miżjud: XII. 2010.5. Enumerat mill-ġdid: IX. 2011.27.

34. Il-Ministru jista' jagħmel regolamenti għall-aħjar twettiq ta' xi disposizzjoni ta' din it-Taqsima u mingħajr preġudizzju għall-ġeneralità tas-setgħa hawn qabel imsemmija, dawk ir-regolamenti jistgħu partikolarment jipprovdu:

(*a*) dwar il-mod kif apparat ta' radjokomunikazzjoni jkun kif ikun deskritt għandu jiġi installat, mibjugħ, mikri, operat, miżmum, protett jew kontrollat, u fil-każ ta' xi apparat sekwestrat kif hemm fl-artikoli 30 jew 32, il-mod kif dan għandu jsir minnu u, jew il-ħażna ta' apparat bħal dak;

(*b*) dwar *standards* jew speċifikazzjonijiet tekniċi li għandhom jiġu osservati fir-rigward ta' kull apparat ta' radjokomunikazzjoni;

(*ċ*) dwar kull aspett li għandu x'jaqsam mal-użu tar-radjokomunikazzjoni minn bastimenti merkantili, bastimenti tal-gwerra barranin u inġenji tal-ajru li jagħtu servizz inkluži ħtiġiet fuq il-ġarr u l-provdiment ta' installazzjonijiet ta' radjokomunikazzjoni, iż-żamma ta' servizz ta' radjokomunikazzjoni suffiċjenti biex jitħarsu l-finijiet ta' din it-Taqsima u d-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili jew ta' kull regolament magħmul taħtu, l-għamla, is-sustanza jew it-tul ta' żmien ta' kull liċenza biex jinżammu u jintużaw installazzjonijiet ta' radjokomunikazzjoni, ix-xorta tal-installazzjonijiet ta' radjokomunikazzjoni li għandhom jiġu provduti, is-servizzi li għandhom jibqgħu jingħataw, u fil-każ ta' bastimenti merkantili l-għadd, il-grad u kwalifiki tal-operaturi u persuni li jissorveljaw li għandhom

Kap. 234.

jinġarru u li jkunu jipprovdu għall-eżamijiet ta' operaturi u persuni li jissorveljaw f'każijiet li jkunu neċessarji u għal drittijiet li jitħallsu għal eżamijiet bħal dawk, il-kundizzjonijiet għall-ħruġ jew ir-rikonoxximent ta' ċertifikati għal operaturi u persuni li jissorveljaw u l-kundizzjonijiet għas-sostituzzjoni, sospensjoni, tħassir, u tibdil fiċ-ċertifikati ta' operaturi u persuni li jissorveljaw:

Iżda ebda bastiment m'għandu jenħtieġ li jġorr iżjed minn operatur wieħed kemm-il darba kienu meħtieġa iżjed minn operatur wieħed taħt id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili : Kap. 234.

Iżda wkoll il-Ministru jista' jeżenta, għal kollox jew biss f'parti, mill-obbligi imposti b'din jew taħt din it-Taqsima lil kull bastiment jew klassi ta' bastimenti jekk ikun tal-fehma li, fil-qies tax-xorta ta' vjaġġi li l-bastimenti jagħmlu, jew ċirkostanzi oħra tal-każ, ikun adatt li jsir dan;

(*d*) li kull persuna li tikser xi disposizzjoni ta' regolamenti magħmulin taħt dan l-artikolu jew -

(i) tkun ħatja ta' reat li meta tinsab ħatja tiegħu tista' teħel multa ta' mhux iżjed minn għaxart elef euro (€10,000), jew

(ii) tkun ħatja ta' ksur li dwaru tkun tapplika piena amministrattiva iżda dawk il-pieni m'għandhomx ikunu jeċċedu l-ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) għal kull ksur u, jew ħames mitt euro (€500) għal kull ġurnata li matulha jibqa' għaddej dak il-ksur:

Iżda:

(A) il-proċedura li biha jiġu imposti pieni amministrattivi bħal dawk għandha tkun tippermetti li jiġi eżerċitat id-dritt ta' smigħ qabel ma' jiġu imposti pieni bħal dawk;

(B) il-proċedura li biha jiġu imposti u kontestati pieni bħal dawk għandha tkun dik stabbilita għal pieni imposti mill-Awtorità taħt it-Taqsima VII u t-Taqsima VIII tal-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni, u d-disposizzjonijiet rilevanti ta' dak l-Att u ta' kull regolament magħmul taħtu dwar proċedura bħal dik għandhom ikunu *mutatis mutandis* japplikaw għal penali amministrattivi imposti mill-Ministru taħt din it-Taqsima hekk li kull riferenza għall-Awtorità għandha tiftiehem bħala riferenza għall-Ministru; Kap. 418.

(Ċ) fil-każijiet kollha meta l-Ministru jimponi jew l-Awtorità timponi multa

amministrattiva dwar xi ħaġa li ssir jew li tibqa' ma ssirx minn xi persuna u dak l-att jew ommissjoni jkunu jikkostitwixxu wkoll reat kriminali, ma jistgħu jittieħdu jew jitkomplew ebda proċeduri kriminali kontra dik il-persuna dwar dak ir-reat kriminali;

(*e*) dwar kull aspett tal-forma, sustanza u kemm iddum valida liċenza individwali ta' radjokomunikazzjoni, il-kundizzjonijiet meta għandha tinħareġ u tinżamm liċenza bħal dik, id-drittijiet li jitħallsu għaliha u n-natura u x-xorta tal-apparat awtorizzat mil-liċenza li bastiment Malti li jbaħħar jista' jkun meħtieġ li jikseb biex iżomm u jużа installazzjoni ta' radjokomunikazzjoni;

(*f*) dwar kull dritt u, jew ħlas, ikun kif ikun deskritt, li jista' jkollu jitħallas għal xi ħaġa regolata minn din it-Taqsima inkluż il-ħruġ jew it-tiġdid ta' liċenzi jew awtorizzazzjonijiet individwali ta' radjo-komunikazzjoni ikunu kif ikunu deskritti, u l-ispezzjoni ta' bastiment għall-fini li jiġi verifikat li dan ikun provdut kif imiss b'installazzjoni ta' radjokomunikazzjoni u b'operaturi attestati u persuni li jissorveljaw konformement ma' din it-Taqsima;

(*g*) dwar kull ħaġa li tagħti setgħa lill-Ministru jirregola u jipprovdi għal awtorizzazzjonijiet ġenerali dwar apparat ta' radjokomunikazzjoni;

(*h*) dwar kull proċedura li jkollha x'taqsam mat-tpaċija ta' tilwimiet li jistgħu jqumu, inkluż kull ftehim bil-miktub li jista' jsir ma' persuna akkużata b'reat taħt din it-Taqsima, u kull ftehim dwar il-ħlas ta' penali minflok prosekuzzjoni għal reat taħt din it-Taqsima, u dan minkejja kull disposizzjoni ta' din it-Taqsima;

(*i*) dwar kull ħaġa li tista' tkun meħtieġa għall-fini ta' konformità ma' kull obbligu internazzjonali li Malta jista' jkollha dwar ir-radjokomunikazzjoni inkluži dawk dwar *standards* f'Malta:

Iżda il-Ministru jista', meta jkun qiegħed jagħmel xi regolamenti taħt dan l-artikolu li jkollhom x'jaqsmu ma' *standards*, speċifikazzjonijiet jew ħwejjeġ ta' xorta strettament teknika, jagħmel dawk ir-regolamenti bl-ilsien Ingliż biss.

Eżenzjoni mid-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima. *Miżjud: XII. 2010.5. Enumerat mill-ġdid: IX. 2011.27.*

35. Il-Prim Ministru jista' b'ordni fil-Gazzetta jeżenta mid-disposizzjonijiet ta' din it-Taqsima kull apparat ta' radjokomunikazzjoni użat mill-Istat biex jissodisfa l-esiġenzi tal-ħtiġiet tad-difiża, tas-sigurtà pubblika jew tal-protezzjoni ċivili:

Iżda l-Prim Ministru jista' meta jkun qiegħed jagħmel Ordni taħt dan l-artikolu, jimponi dawk il-kundizzjonijiet hekk kif jista' jqis li jkunu xierqa. Meta jkun qiegħed jagħmel dawk il-kundizzjonijiet il-Prim Ministru għandu l-ewwel jikkonsulta ruħu mal-Awtorità.

TAQSIMA V

Enumerat mill-ġdid: XII. 2010.5.

THADDIM TA' FREKWENZI TAR-RADJU

Tifsir. *Miżjud: VII. 2004.23. Enumerat mill-ġdid: XII. 2010.5. Sostitwit: IX. 2011.29.*

36. (1) F'din it-Taqsima, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma tkunx teħtieġ xort'oħra:

"pjan ta' frekwenzi" tfisser il-"pjan nazzjonali ta' frekwenzi tar-radju" kif adottat mill-Ministru u pubblikat skont id-dispożizzjonijiet ta' din it-Taqsima; u

"awtorizzazzjoni ġenerali" tfisser qasam imwaqqaf b'din it-Taqsima jew taħtha li jistipula d-drittijiet u l-obbligazzjonijiet għall-użu ta' spektrum tar-radju, meta l-użu tal-ispektrum tar-radju ma jkunx jeħtieġ liċenza individwali.

(2) Din it-Taqsima tirregola kull spektrum tar-radju, ħlief għal xi spektrum tar-radju li jkun espressament regolat taħt xi liġi oħra, u li jkun identifikat bħala tali fil-pjan ta' frekwenzi tar-radju.

Użu ta' frekwenzi tar-radju. *Miżjud: VII. 2004.23. Enumerat mill-ġdid: XII. 2010.5. Sostitwit: XII. 2010.6; IX. 2011.30.*

37. Il-frekwenzi tar-radju għandhom jintużaw biss skont awtorizzazzjoni ġenerali maħruġa taħt dan l-Att jew wara li tingħata awtorizzazzjoni espliċita mill-Awtorità skont dan l-Att, jew wara li tingħata awtorizzazzjoni espliċita skont xi liġi oħra:

Iżda l-Ministru jista' jawtorizza bil-miktub lil kull korp imwaqqaf bil-liġi u li debitament ikollu s-setgħa bil-liġi li jassenja l-frekwenzi taħt il-pjan ta' frekwenzi, li jmur 'l hinn mill-pjan ta' frekwenzi. Meta jkun qed jagħmel dan il-Ministru għandu jfisser għaliex ikun qiegħed jagħmel dan u għandu jingħata avviż pubbliku dwar dik l-awtorizzazzjoni.

Tħaddim ta' frekwenzi tar-radju. *Miżjud: VII. 2004.23. Enumerat mill-ġdid: XII. 2010.5. Emendat: IX. 2011.3. Sostitwit: IX. 2011.31.*

38. (1) L-Awtorità għandha, skont l-għanijiet tagħha taħt dan l-Att, tkun responsabbli għat-tmexxija effettiva tal-frekwenzi tar-radju assenjati lilha taħt il-pjan ta' frekwenzi tar-radju nazzjonali msemmija.

(2) Mingħajr preġudizzju għal kriterji u proċeduri speċifiċi li jiġu adottati biex jagħtu jeddijiet ta' użu frekwenzi tar-radju lil provdituri ta' servizzi ta' kontenut ta' xandir bir-radju jew bit-televiżjoni bil-għan li jiksbu għanijiet ta' interess ġenerali konformement mal-liġi tal-Unjoni Ewropea:

(*a*) m'għandu jingħata ebda dritt ta' użu esklużiv jew speċjali ta' frekwenzi tar-radju fl-għoti ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi; u

(*b*) l-Awtorità u l-Ministru għandhom meta jkunu qegħdin jaqdu l-funzjonijiet rispettivi tagħhom dwar l-allokazzjoni ta' spektrum tar-radju użat għal servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u l-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet ġenerali jew jeddijiet individwali ta' użu ta' dawk il-frekwenzi tar-radju, jaġixxu skont kriterji oġġettivi, trasparenti, mhux diskriminatorji u proporzjonati:

Iżda kull proċedura relattiva użata għall-finijiet ta' dan il-paragrafu għandha tkun waħda trasparenti.

(3) Meta jkunu qegħdin japplikaw id-dispożizzjonijiet ta' dan l-artikolu, il-Ministru u l-Awtorità għandhom jirrispettaw kull

ftehim internazzjonali rilevanti, inkluż ir-Regolamenti tar-Radju ITU, u jistgħu jqisu dak kollu li jsir fir-rigward tal-pubbliku.

(4) L-Awtorità għandha tippubblika mill-inqas darba fis-sena, u tagħmel disponibbli meta hekk tintalab, l-assenjament ta' frekwenzi tar-radju, assenjati lilha taħt il-pjan ta' frekwenzi.

Adozzjoni u pubblikazzjoni ta' pjan ta' frekwenzi. *Miżjud: VII. 2004.23. Enumerat mill-ġdid: XII. 2010.5. Emendat: XII. 2010.7; IX. 2011.32.*

39. (1) Il-Ministru għandu jabbozza, jadotta u jippubblika pjan ta' frekwenzi, liema pjan ta' frekwenzi għandu minn żmien għal żmien ikun rivedut u ppublikat mill-ġdid mill-Ministru skont ma jista' jitqies li jkun meħtieġ:

Iżda qabel ma l-pjan ta' frekwenzi jiġi adottat jew rivedut skont il-każ, il-Ministru għandu f'kull każ jikkonsulta lill-Awtorità.

(2) Il-Ministru għandu fl-abbozzar tal-pjan ta' frekwenzi jistabbilixxi liema frekwenzi għandhom jiġu assenjati taħt dan l-Att u, jew taħt kull liġi oħra u l-għanijiet li għalihom dawn jistgħu jkunu użati.

Newtralità teknoloġika. *Miżjud: IX. 2011.35.*

40. (1) Kemm-il darba mhux provdut xort'oħra fis-subartikolu (2), kull tip ta' teknoloġija użata għal servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi tista' tintuża fil-frekwenza ta' bandi tar-radju, li jkunu dikjarati disponibbli għal servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fil-pjan ta' frekwenzi skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea.

(2) Il-Ministru, jew l-Awtorità bl-approvazzjoni tal-Ministru, jistgħu, madankollu, jipprovdu dwar restrizzjonijiet proporzjonati u mhux diskriminatorji għat-tipi ta' *network* tar-radju jew teknoloġija ta' dħul mingħajr fili użati għal servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi meta dan ikun meħtieġ biex:

(*a*) tiġi evitata kull interferenza dannuża;

(*b*) tiġi protetta s-saħħa pubblika mill-kampi elettromanjetiċi;

(*ċ*) tiġi żgurata l-kwalità teknika ta' servizz;

(*d*) tiġi żgurata l-parteċipazzjoni fl-akbar qjies possibbli ta' frekwenza tar-radju;

(*e*) jiġi mħares l-użu effiċjenti tal-ispektrum, jew

(*f*) jiġi żgurat it-twettiq ta' xi għan ta' interess ġenerali skont l-artikolu 41.

Newtralità tas-servizz. *Miżjud: IX. 2011.35.*

41. (1) Kemm-il darba mhux provdut xort'oħra fis-subartikoli (2) u (3), kull tip ta' servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jista' jiġi provdut fil-bandi ta' frekwenza tar-radju, li jkunu dikjarati disponibbli għal servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fil-pjan ta' frekwenzi skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea.

(2) Il-Ministru, jew l-Awtorità bl-approvazzjoni tal-Ministru, jistgħu jipprovdu dwar restrizzjonijiet proporzjonati u mhux diskriminatorji għat-tipi ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li għandhom jiġu provduti, inkluż, meta jkun meħtieġ, it-twettiq ta' xi ħtieġa taħt ir-Regolamenti tar-Radju ITU.

(3) Dawk il-miżuri li jkunu jeħtieġu li jiġi provdut servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi f'banda speċifika li tkun disponibbli

għal servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, ikunu ġustifikati biex jiżguraw it-twettiq ta' għanijiet ta' interess ġenerali kif imfissra mill-Ministru konformement mal-liġi tal-Unjoni Ewropea, bħal ma huma, u mhux limitati:

(*a*) għas-sigurtà tal-ħajja,

(*b*) għall-promozzjoni ta' koeżjoni soċjali, reġjonali jew territorjali,

(*ċ*) biex jiġi evitat l-użu ineffiċjenti ta' frekwenzi tar-radju, jew

(*d*) għall-promozzjoni ta' diversità kulturali u lingwistika u pluraliżmu fil-mezzi tax-xandir, kif bħala eżempju huma l-provdiment ta' servizzi ta' xandir bir-radju u televiżjoni.

(4) Jista' biss jiġi provdut dwar miżura li tkun tipprojbixxi l-provdiment ta' xi servizz ieħor ta' komunikazzjonijiet elettroniċi f'banda speċifika meta dan ikun ġustifikat bil-ħtieġa li tiġi mħarsa s-sigurtà ta' servizzi tal-ħajja:

Iżda l-Ministru jew l-Awtorità kif ikun il-każ, jistgħu eċċezzjonalment ukoll jestendu dik il-miżura biex iwettqu għanijiet oħra ta' interess ġenerali kif imfissra mill-Ministru skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea.

Applikazzjoni ta' teknoloġija u servizz ta' newtralità. *Miżjud: IX. 2011.35.*

42. (1) Il-Ministru jew l-Awtorità kif ikun il-każ, għandhom regolarment jirrevedu l-ħtieġa tar-restrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 40 u 41, u għandhom jagħmlu pubbliċi r-riżultati ta' dawn ir-reviżjonijiet.

(2) L-artikoli 40 u 41 għandhom ikunu japplikaw għal spektrum allokat biex jintuża għal servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, awtorizzazzjonijiet ġenerali maħruġin u drittijiet individwali ta' użu frekwenzi tar-radju mogħtijin wara l-25 ta' Mejju 2011.

(3) Allokazzjoni ta' spektra, awtorizzazzjonijiet ġenerali u drittijiet individwali ta' użu li kienu jeżistu qabel il-25 ta' Mejju 2011 għandhom ikunu bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 43.

Reviżjoni ta' restrizzjonijiet fuq drittijiet eżistenti. *Miżjud: IX. 2011.35.*

43. (1) Għal żmien ħames snin li jibdew għaddejin mill-25 ta' Mejju 2011, id-detenturi ta' drittijiet biex jintużaw frekwenzi tar-radju li ngħataw qabel din id-data u li jibqgħu validi mill-inqas sal-25 ta' Mejju 2016, jistgħu jippreżentaw applikazzjoni għand l-Awtorità għal rivalutazzjoni tar-restrizzjonijiet fuq id-drittijiet tagħhom skont l-artikoli 40 u 41.

(2) Qabel ma tadotta d-deċiżjoni tagħha, l-Awtorità għandha tavża lid-detentur tad-dritt bir-rivalutazzjoni tagħha tar-restrizzjonijiet, billi tindika x'ikun sewwasew id-dritt wara r-rivalutazzjoni.

(3) L-Awtorità għandha tippermetti terminu raġonevoli għad-detentur tad-drittijiet biex, jekk irid, jirtira l-applikazzjoni. Jekk id-detentur tad-drittijiet jirtira l-applikazzjoni, id-dritt jibqa' ma jinbidilx sakemm dan jiskadi jew sal-25 ta' Mejju 2016, skont

liema data taħbat l-ewwel.

(4) Wara l-25 ta' Mejju 2016 l-Awtorità għandha tadotta kull miżura adatta biex tiżgura li l-artikoli 40 u 41 japplikaw għal kull awtorizzazzjoni ġenerali, dritt individwali ta' użu, u allokazzjoni ta' spektra użati fis-servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li jifdal u li kienu jeżistu fil-25 ta' Mejju 2011.

(5) Meta tkun qegħda tapplika dan l-artikolu, l-Awtorità għandha tadotta miżuri adatti biex iġġib 'il quddiem il-kompetizzjoni ġusta.

(6) Il-miżuri adottati meta jkun qed jiġi applikat dan l-artikolu ma jikkostitwux l-għoti ta' jeddijiet ta' użu ġodda u għaldaqstant m'humiex bla ħsara għad-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Artikolu 5(2) tad-Direttiva dwar Awtorizzazzjoni.

Regoli li jipprevjenu t-tgeddis ta' spektra.
Miżjud: IX. 2011.35.

44. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att u wara li jittieħed kont taċ-ċirkostanzi nazzjonali rilevanti, l-Awtorità tista' tagħmel regoli biex tipprevjeni t-tgeddis ta' spektra, partikolarment billi tistabbilixxi termini stretti għall-esplojtazzjoni effettiva tad-drittijiet ta' użu mid-detentur tad-drittijiet. Dawn ir-regoli għandhom jiġu stabbiliti u applikati b'mod proporzjonat, mhux diskriminatorju u trasparenti.

Negozju tal-ispektra.
Miżjud: IX. 2011.35.

45. (1) Impriża tista' tittrasferixxi jew tikri d-drittijiet individwali biex jintużaw frekwenzi tar-radju fil-bandi identifikati fil-pjan ta' frekwenzi li jistgħu jiġu trasferiti jew mikrija, lil impriżi oħra skont il-kondizzjonijiet marbutin ma' dawk il-jeddijiet ta' użu ta' frekwenzi tar-radju u skont kull liġi li tkun tapplika:

Iżda l-kondizzjonijiet marbutin ma' drittijiet individwali biex jintużaw frekwenzi tar-radju għandhom jibqgħu japplikaw wara t-trasferiment jew il-kirja, kemm-il darba ma jiġix speċifikat xort'oħra mill-Awtorità.

(2) Mingħajr preġudizzju għal kull liġi li tapplika, jew għal kull proċedura li l-Awtorità tista' tispeċifika, impriża għandha tavża l-intenzjoni li jkollha li tittrasferixxi drittijiet biex jintużaw frekwenzi tar-radju, kif ukoll it-trasferiment tagħhom effettiv lill-Awtorità u għandha tagħmel dik l-intenzjoni tagħha pubblika.

(3) Meta l-użu ta' frekwenza tar-radju jkun ġie armonizzat bl-applikazzjoni tad-Deċiżjoni Nru. 676/2002/KE (Deċiżjoni dwar Spektrum tar-Radju) jew b'miżuri oħra tal-Unjoni Ewropea, kull trasferiment bħal dak għandu jkun konformi ma' dak l-użu armonizzat.

Setgħat tal-Awtorità speċifiċi għal frekwenzi tar-radju.
Miżjud: VII. 2004.23. Enumerat mill-ġdid: XII. 2010.5; IX. 2011.34.

46.* Il-Ministru jew l-Awtorità bl-approvazzjoni tal-Ministru, jistgħu bil-għan li jiżguraw l-użu ta' frekwenzi tar-radju l-aktar effiċjenti u effettiv skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, jimponu dawk il-ħtiġiet jew jieħdu dawk il-miżuri skont ma jistgħu iqisu adatti, inklużi imma mhux limitati għar-ridistribuzzjoni jew qsim ta' frekwenzi.

TAQSIMA VI

REGOLAMENTI

Enumerat mill-ġdid: XII. 2010.5.

Regolamenti. *Miżjud: VII. 2004.23. Emendat: A.L. 425 tal-2007; XXX. 2007.32. Enumerat mill-ġdid: XII. 2010.5. Emendat: XII. 2010.9; IX. 2011.3; IX. 2011.36.*

47. (1) Il-Ministru jista', jew bir-rakkomandazzjoni tal-Awtorità jew b'inizjattiva tiegħu nnifsu wara konsultazzjoni mal-Awtorità, jagħmel regolamenti li jagħtu seħħ aħjar lid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u b'mod partikolari sabiex:

(*a*) jirregolaw servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u, jew *networks* inkluži l-interkonnessjoni ta' dawk in-*networks,* it-tqegħid fl-istess post ta' faċilitajiet, is-selezzjoni minn qabel tat-trasportatur, għad-dħul f'*networks,* id-drittijiet ta' passaġġ, it-trasmissjoni jew reċezzjoni ta' sinjali tas-satellita, il-manutenzjoni u l-pubblikazzjoni ta', u l-aċċessibilità għal kull informazzjoni li tkun kif tkun deskritta, jistipulaw obbligi ta' servizz universali, kull ħaġa li jkollha x'taqsam man-numri inkluża l-portabilità, pjanijiet u allokazzjoni, kull ħaġa li għandha x'taqsam ma' *e-mails* li jintbagħtu jew ma' servizzi oħra bħal dawk biex tiġi żgurata kompetizzjoni ġusta jew għal finijiet tal-ħarsien tal-utent finali, l-obbligi ta' impriża li jkollha setgħa fis-suq sinifikanti, regoli ta' kompetizzjoni u ta' ħarsien tal-utent finali inkluži iżda mhux limitati għal regoli li għandhom x'jaqsmu mas-sospensjoni, terminazzjoni u tiġdid ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi lil utenti finali, arranġamenti dwar kumpens u rifużjoni, proċeduri ta' kontijiet u eżattezza fil-kontijiet, servizzi ta' emerġenza, servizzi armonizzati b'valur soċjali, u servizzi ta' direttorju;

(*b*) jipprovdu għal kull ħtieġa li tista' tiġi imposta fuq impriżi biex jadottaw sistemi ta' kontijiet skont ma jistgħu jiġu ordnati u biex iżommu dawk ir-*records* operattivi, ta' kontijiet, finanzjarji, statistiċi u tekniċi skont ma jistgħu jiġu speċifikati fir-regolamenti, inkluż l-għoti lill-Awtorità ta' dawk id-dikjarazzjonijiet, prospetti u informazzjoni oħra dwar kumpannija fejn impriża jkollha interess ta' kontroll skont ma l-Awtorità tista' teħtieġ għat-twettiq tal-funzjonijiet tagħha taħt dan l-Att;

(*ċ*) jipprovdu dwar il-kondizzjonijiet applikabbli għal awtorizzazzjonijiet u, jew liċenzi jissejħu kif jissejħu u l-prospetti u r-rapporti li għandhom isiru lill-Awtorità;

(*d*) jirregolaw il-mod kif infrastruttura jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u, jew radjukomunikazzjonijiet għandu jkun istallat, imħaddem, miżmum, protett jew kontrollat u *standards*

*Bl-Att IX.2011.34, l-artikoli 43, 44, 45, 45A, 46, 47, 48 u 49 (8 artikoli) ġew bi żball enumerati mill-ġdid bħala l-artikoli 46, 47, 48, 49, 50, 51 u 52 (7 artikoli); għaldaqstant, sabiex tinżamm sekwenza loġika, dawk l-artikoli ġew minflok enumerati mill-ġdid bħala l-artikoli 46, 47, 48, 49, 50, 51, 52 u 53. B'riżultat ta' dan, kellha ssir aktar enumerazzjoni mill-ġdid sabiex tinżamm is-sekwenza numerika tan-numri tal-artikoli.

jew speċifikazzjonijiet tekniċi li għandhom ikunu osservati dwar dik l-infrastruttura jew dak l-apparat;

(*e*) jipprovdu dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu sabiex tiġi żgurata konformità ma' *standards* internazzjonali u oħrajn użati fl-industriji tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u dwar il-mezzi li għandhom jintużaw u l-miżuri li għandhom jiġu adottati, biex tiġi żgurata s-sigurtà u jitħares li ma jkun hemm ebda periklu, ħsara jew disturb dwar xi aspett ta' komunikazzjonijiet elettroniċi;

(*f*) jirregolaw il-kwalità u *standard* ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi li għandhom ikunu provduti u miri fil-kwalità ta' servizzi u t-twaqqif u ż-żamma ta' servizz ta' assistenza effiċjenti mill-impriżi għall-utenti;

(*g*) jipprovdu dwar il-proċeduri ta' pproċessar ta' ilmenti li għandha tkun implementata minn impriża;

(*h*) jirregolaw servizzi ta' distribuzzjoni bit-televiżjoni u bir-radju inklużi regoli dwar affarijiet li għandhom ta' bilfors jiġu mxandra, u l-obbligu li tiġi provduta kapaċità ta' kanal għal użu pubbliku, tal-gvern jew edukattiv;

(*i*) jipprovdu dwar kull ħaġa li jkollha x'taqsam mar-riżolviment ta' kull tilwima u jew ilment, ikunu kif ikunu deskritti, li jkollhom x'jaqsmu ma' *networks* jew servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi, inkluži appelli minn kull deċiżjoni, u il-proċedura li għandha tiġi segwita fir-riżolviment ta' tilwimiet transkonfini;

(*j*) jirregolaw il-proċedura għar-riżolviment ta' tilwimiet li jinvolvu *networks* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u, jew servizzi u utenti finali u r-relazzjoni bejn l-Awtorità u awtoritajiet pubbliċi oħra responsabbli għar-riżolviment ta' tilwimiet;

(*k*) jipprovdu għal obbligi dwar iż-żamma ta' *data*, u għar-regoli dwar l-aċċess mill-Awtorità u mill-Pulizija għal *data* li tinżamm minn impriżi, u jordnaw x'miżuri għandhom jittieħdu minn kull persuna bil-għan li tiġi żgurata l-invijolabilità ta' komunikazzjonijiet elettroniċi trasmessi u l-konfidenzjalità tagħhom u l-ħarsien tal-privatezza dwar kull servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi inkluži miżuri ta' protezzjoni ta' *data* fis-settur ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u miżuri ta' protezzjoni ta' *data* li jkollhom x'jaqsmu mal-użu ta' informazzjoni u li jinkisbu mis-settur ta' komunikazzjonijiet elettroniċi bil-għan li jkun hemm tqegħid fis-suq dirett;

(*l*) jirregolaw il-provdiment ta' informazzjoni bejn Malta u l-Unjoni Ewropea u, jew Stati Membri;

(*m*) jirregolaw u jipprovdu dwar kull dritt u, jew ħlas jissejħu kif jissejħu li jista' jkollhom jitħallsu lill-Awtorità;

(*n*) jipprovdu dwar kull ħaġa li tista' tkun meħtieġa bil-għan li jkun hemm konformità ma' kull obbligu internazzjonali ta' Malta li jkollu x'jaqsam ma' komunikazzjonijiet elettroniċi partikolarment bil-għan li jkun hemm konformità ma' kull ħtieġa, tkun kif tkun deskritta, tal-Unjoni Ewropea;

(*o*) jirregolaw l-allokazzjoni, assenjament u użu ta' frekwenzi tar-radju għal *networks* tal-komunikazzjonijiet elettroniċi u, jew servizzi, inkluż it-trasferiment jew il-kiri ta' drittijiet biex jintużaw frekwenzi tar-radju lil impriżi oħra u l-proċedura li għandha tiġi segwita;

(*p*) jirregolaw kull ħaġa li għandha x'taqsam mar-regolament, amministrazzjoni, maniġġar u awtorizzazzjoni ta' spektrum tar-radju, inkluż kull aspett dwar il-ħruġ ta' awtorizzazzjonijiet, kummerċ ta' spektra, il-mod kif frekwenzi tar-radju u, jew apparat ikun kif ikun imsemmi, jista' jintuża mingħajr il-ħtieġħa ta' awtorizzazzjoni, u d-drittijiet u l-kondizzjonijiet li jistgħu jiġu imposti dwarhom;

(*q*) jagħtu s-setgħa lill-Awtorità timponi penali amministrattivi li ma jeċċedux l-ammont ta' mitejn u tnejn u tletin elf u disa' mija u ħamsa u tletin euro (€232,935) għal kull reat u erbat elef u sitt mija u ħamsa u ħamsin euro (€4,655) għal kull ġurnata li matulha jkompli n-nuqqas ta' ħarsien ta' dan l-Att, fuq kull persuna li tikser regolamenti magħmulin taħt dan l-Att u li tipprovdi sabiex jiġu imposti u enforzati dawk il-penali skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att u tal-Att għat-Twaqqif ta' Awtorità ta' Malta dwar il-Komunikazzjoni; Kap. 418.

(*r*) jirregolaw l-obbligi, inklużi obbligi finanzjarji, ta' impriżi għar-rigward ta' interċettazzjoni legali;

(*s*) jipprovdu dwar kull ħaġa li għandha x'taqsam mal-kwalifiki li persuna tista' tkun teħtieġ biex tkun tista' twettaq xi ħidma jew twettaq xi att ieħor li jkollu x'jaqsmu mal-kostruzzjoni, tiswija, manutenzjoni, tibdil jew kontroll ta' xi servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi u, jew *network*, inklużi testijiet li għandhom isiru biex jiġi aċċertat jekk persuna jkollhiex dawn il-kwalifiki;

(*t*) tistabbilixxi pieni għal reati kriminali kontra regolamenti magħmulin taħt dan l-Att, inklużi multi differenti għal reati differenti u, jew multi kalkulati skont kemm idum għaddej ir-reat:

Iżda r-regolamenti li jistgħu jsiru m'għandhomx ikunu jipprovdu għal multa ta' iżjed minn ħamsa u għoxrin elf euro (€25,000) jew ħames mitt euro (€500) għal kull ġurnata li matulha jdum għaddej ir-reat;

(*u*) jordnaw kull ħaġa li tista' tiġi ordnata taħt dan l-Att:

Iżda l-Ministru jista', meta jagħmel xi regolamenti taħt dan

is-subartikolu li għandhom x'jaqsmu ma' *standards* jew ħwejjeġ ta' natura strettament teknika, jagħmel dawn ir-regolamenti bil-lingwa Ingliża biss.

(2) Il-Ministru jista' wara konsultazzjoni mal-Awtorità b'ordni fil-Gazzetta jagħti setgħa lil kull korp jew korpi mwaqqfa bil-liġi teżerċita xi funzjoni speċifika taħt dan l-Att jew taħt regolamenti magħmulin taħtu fejn, fil-fehma tal-Ministru, jitqies adatt fiċ-ċirkostanzi partikolari li dawk il-funzjonijiet ikunu eżerċitati minn xi awtorità pubblika oħra:

Iżda fil-ħruġ ta' xi ordni taħt dan is-subartikolu, il-Ministru għandu jagħti r-raġunijiet tiegħu għaldaqstant.

Enumerat mill-ġdid: XII. 2010.5.

TAQSIMA VII

REATI KRIMINALI

Reati ta' xorta kriminali speċifiċi għal komunikazzjonijiet elettroniċi.
Miżjud: VII. 2004.23. Emendat: A.L. 425 tal-2007. Enumerat mill-ġdid: XII. 2010.5; IX. 2011.34.

48. (1) Persuna li -

(*a*) tibni, issewwi, iżżomm f'kundizzjoni tajba, tibdel jew tikkontrolla xi apparat jew istallazzjoni mingħajr ma jkollha l-kwalifiki meħtieġa għal dak l-iskop b'dan l-Att jew taħtu;

(*b*) tbiegħ jew toffri għal bejgħ jew tipprovdi jew tistalla jew tuża xi stallazzjoni jew apparat li ma jkunx jikkonforma ma' tali *standards* jew speċifikazzjonijiet tekniċi skont ma huma meħtieġa jew stabbiliti b'dan l-Att jew taħtu, jew li hu jkun jaf, jew ikollu tassew raġonevolment għaliex jaħseb, li jkunu difettużi jew inkompatibbli mas-servizzi li dwarhom ikunu nbiegħu, ġew provduti, istallati jew użati;

(*ċ*) tipprovdi xi servizz ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew tistalla jew tħaddem xi *network* jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettroniċi bi ksur ta' xi disposizzjoni ta' dan l-Att jew bi ksur ta' xi kondizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni imposti b'dan l-Att jew taħtu;

(*d*) tuża xi *network* jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettroniċi fornut minn impriża għal għan li ma jkunx dak li jkun ġie fornut għalih, jew tittraskura milli tosserva l-istruzzjonijiet li jkunu maħruġa minn impriża għall-użu kif imiss tan-*network* jew apparat ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew inkella tużah b'mod mhux kif imiss;

tkun ħatja ta' reat taħt dan l-Att u tista', meta tinsab ħatja, teħel multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf u mitejn u disgħin euro (€23,290) u fil-każ ta' reat permanenti għal multa oħra ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro (€465) għal kull jum li matulu jkompli r-reat.

(2) Persuna li tagħti informazzjoni lill-Awtorità jew lill-Ministru li tkun taf, jew ikollha tassew għaliex raġonevolment taħseb li tkun falza jew qarrieqa, jew li timpedixxi jew tostruwixxi lill-Awtorità jew lill-Ministru, fl-eżekuzzjoni tal-funzjonijiet tagħhom b'dan l-Att jew taħtu, tkun ħatja ta' reat taħt dan l-Att, u

meta tinsab ħatja, tista' teħel multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf u mitejn u disgħin euro (€23,290) jew priġunerija għal perjodu ta' mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(3) Persuna li tkun persuna impjegata jew imqabbda tagħmel dmir ma' xi impriża jew li tiġi mibgħuta magħha -

(*a*) tagħti informazzjoni dwar xi messaġġ li ssir taf bih minħabba fil-kariga li jkollu lil xi persuna li ma jkollhiex jedd tirċievi informazzjoni bħal dik;

(*b*) xjentement tibdel jew taħbi xi messaġġ jew it-tismija tal-persuna li lilha jintbagħat jew jiġi indirizzat, mingħajr ebda kawża ġusta;

(*ċ*) xjentement tommetti, iddewwem jew tostruwixxi milli twassal jew tikkunsinna xi messaġġ jew tħassar jew teqred xi messaġġ jew applikazzjoni għat-twassil ta' xi messaġġ mingħajr ebda kawża ġusta;

(*d*) xjentement tirrappreżenta messaġġ bħala li jkun intbagħat minn persuna li ma tkunx il-mittent jew bħala li jkun indirizzat lil persuna li ma tkunx dik indirizzata, jew applikazzjoni biex jintbagħat messaġġ bħala li jkun sar minn persuna li ma tkunx l-applikant, mingħajr ebda kawża ġusta;

(*e*) xjentement tħassar jew teqred xi messaġġ li ma jkunx indirizzat lilha jew applikazzjoni dwar it-trasmissjoni ta' messaġġ, mingħajr ebda kawża ġusta; jew

(*f*) kontra l-liġi tirtira mill-kontroll ta' impriża, jew ta' xi ħadd impjegat jew imqabbad jaqdi dmirijiet ma' xi impriża, jew filwaqt li jkun qiegħed jaħdem fiha, messaġġ indirizzat lil xi persuna oħra,

tkun ħatja ta' reat taħt dan l-Att u tista' teħel, meta tinsab ħatja, multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf u mitejn u disgħin euro (€23,290) jew priġunerija għal perjodu ta' mhux iżjed minn sitt xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(4) Min jattakka jew jostruwixxi jew jimpedixxi xi uffiċjal, impjegat jew aġent ta' impriża fl-eżerċizzju ta' dmirijietu ma' dik l-impriża ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att, u meta jinsab ħati jista' jeħel multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf u sitt mija u ħamsa u erbgħin euro (€11,645) jew priġunerija għal perjodu ta' mhux iżjed minn tliet xhur, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Użu ta' apparat ta' komunikazzjoni elettronika biex isir theddid.
Miżjud: XXX. 2007.33. Enumerat mill-ġdid: XII. 2010.5; IX. 2011.34.

49. Kull min permezz ta' xi *network* jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika -

(*a*) jhedded li jagħmel xi reat; jew

(*b*) bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaġa oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġiegħel lil ħaddieħor biex jagħmel jew jonqos milli jagħmel xi ħaġa, jhedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex jimmalafama lil dik il-persuna jew xi persuna oħra; jew

(*ċ*) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih,

ikun ħati ta' reat taħt dan l-Att u jista', meta jinsab ħati, jeħel multa ta' mhux iżjed minn tlieta u għoxrin elf, mitejn u tlieta u disgħin euro u tlieta u sebgħin ċenteżmu (€23,293.73) u, fil-każ ta' reat permanenti, multa oħra ta' mhux iżjed minn erba' mija u ħamsa u sittin euro and u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) għal kull jum li matulu jkompli r-reat.

Setgħa tal-Ministru li jagħmel regolamenti dwar reati kriminali.
Miżjud: VII. 2004.23. Emendat: A.L. 425 tal-2007. Enumerat mill-ġdid: XII. 2010.5; IX. 2011.34.

50. Mingħajr preġudizzju għal kull disposizzjoni oħra ta' dan l-Att il-Ministru jista', wara konsultazzjoni mal-Awtorità, jagħmel regolamenti li bihom jordna penali għal reati kriminali kontra regolamenti magħmulin taħt dan l-Att, u dawk ir-regolamenti jistgħu:

(*a*) jistipulaw multi differenti għal reati differenti;

(*b*) jistipulaw multi kalkolati skont kemm idum l-għemil tar-reat:

Iżda kull regolament bħal dawk li jista' jkun magħmul ma għandux jipprovdi għal multa ta' iżjed minn tlieta u għoxrin elf u mitejn u disgħin euro (€23,290), jew erba' mija u ħamsa u sittin euro (€465) għal kull jum li matulu jibqa' għaddej ir-reat.

Proċedimenti dwar reat kriminali.
Miżjud: VII. 2004.23. Emendat: XXX. 2007.34. Enumerat mill-ġdid: XII. 2010.5. Emendat: IX. 2011.37.
Kap. 9.

51. (1) Ma għandu jinbeda ebda proċediment għal reat kriminali taħt dan l-Att li ma jkunx reat taħt l-artikolu 27, taħt l-artikolu 48(1)(*d*) jew taħt l-artikolu 49, mingħajr il-kunsens tal-Awtorità jew fuq talba tagħha.

(2) Minkejja kull ħaġa li tinsab fil-Kodiċi Kriminali, il-prosekuzzjoni tista' tagħmel appell quddiem il-qorti ta' ġurisdizzjoni kompetenti kontra kull sentenza mogħtija fi proċedimenti dwar reat taħt dan l-Att.

Enumerat mill-ġdid: XII. 2010.5.

TAQSIMA VIII

RISERVI, DISPOSIZZJONIJIET TRANSITORJI U EŻENZJONIJIET

Riservi.
Miżjud: VII. 2004.27. Enumerat mill-ġdid: XII. 2010.5; IX. 2011.39.

52.* (1) It-tħassir tal-artikoli 43, 44 (inkluża l-Iskeda), 45, 46 u 47 kif fis-seħħ fl-1 ta' Mejju, 2004 għandu jkun mingħajr preġudizzju għal kull ħaġa magħmula jew li għad trid issir taħt dawk l-artikoli.

(2) Regolamenti magħmulin jew miżmuma fis-seħħ bi jew taħt xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att kif fis-seħħ fl-1 ta' Mejju, 2004 u kif ikun għadu fis-seħħ f'dik id-data, għandhom, sakemm ma jsirux disposizzjonijiet oħra taħt dan l-Att jew bis-saħħa ta' dan l-Att, jibqgħu fis-seħħ u jkollhom effett.

(3) Direttivi, deċiżjonijiet jew nomini, ikunu kif ikunu deskritti, magħmulin mill-Awtorità taħt dan l-Att kif ikunu fis-seħħ fl-1 ta' Mejju, 2004 u għadhom fis-seħħ f'dik id-data għandhom jibqgħu fis-seħħ sakemm jiġu revokati jew emendati mill-Awtorità.

(4) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 44 kif fis-seħħ fl-1 ta' Mejju, 2004 għandhom jibqgħu japplikaw:

*bi żball dan l-artikolu kien oriġinarjament ġie enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu 51 - ara l-ispjegazzjoni fin-nota ta' qiegħ il-paġna mal-artikolu 46.

(i) għar-rigward ta' xi ħaġa magħmula filwaqt meta dawn kienu fis-seħħ u għar-rigward ta' kull ħaġa konsegwenzjali magħmula, li toriġina minn jew li għandha x'taqsam ma' dan, kull meta hekk magħmula; u

(ii) *mutatis mutandis* għar-rigward tal-implimentazzjoni ta' dan l-Att jew ta' kull liġi jew artikolu bil-għan ta' liberalizzazzjoni tas-suq jew konformità mal-obbligi internazzjonali ta' Malta dwar servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi jew *networks* ta' komunikazzjonijiet elettroniċi.

Rivista ta' obbligi preċedenti għal dħul u interkonnessjoni.
Miżjud: VII. 2004.27. Enumerat mill-ġdid: XII. 2010.5; IX. 2011.39.
L.S. 399.09
L.S. 399.10
L.S. 399.14
L.S. 399.24
L.S. 399.26
L.S. 399.27

53.* (1) Minkejja kull ħaġa f'dan l-Att jew f'regolamenti magħmulin taħtu, impriża għandha tibqa' tikkonforma ma' kull obbligu li jirrigwarda d-dħul u l-interkonnessjoni taħt dan l-Att kif kien qabel magħruf l-Att biex jirregola t-Telekomunikazzjoni, u regolamenti magħmulin taħtu, inklużi ir-Regolamenti dwar Provdituri ta' Servizzi għal *Internet* u *Data Networks* oħra, ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Telekomunikazzjonijiet (Ġenerali), ir-Regolamenti dwar l-Obbligi u r-Rati dwar l-Interkonnessjoni, ir-Regolamenti dwar Sistemi ta' *Cable* (Ġenerali), ir-Regolamenti dwar it-Telekomunikazzjonijiet (Aċċess *Unbundled* għal-*Loop* Lokali), ir-Regolamenti dwar il-Linji Mikrijin fit-Telekomunikazzjonijiet, li japplikaw għaliha minnufih qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan l-Att sa dak iż-żmien meta dawk ir-regolamenti jkunu emendati jew meta jiġu imposti obbligi speċifiċi konformement ma' analiżi tas-suq li ssir mill-Awtorità skont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att fuq xi impriża msemmija taħt l-artikolu 9.

(2) L-Awtorità għandha tagħti avviż bħal dak skont ma tqis li jkun raġonevoli lil xi parti milquta bl-emenda jew irtirar ta' obbligi msemmija fis-subartikolu (1).

Awtorizzazzjonijiet eżistenti.
Miżjud: VII. 2004.27. Enumerat mill-ġdid: XII. 2010.5. Sostitwit: IX. 2011.40.

54.† (1) Mingħajr preġudizzju għall-artikolu 43, l-Awtorità għandha ġġib awtorizzazzjonijiet ġenerali u drittijiet individwali ta' użu li kienu diġà jeżistu fil-31 ta' Diċembru 2009 f'konformità mad-dispożizzjonijiet ta', jew li saru taħt dan l-Att u li għandhom x'jaqsmu mal-awtorizzazzjonijiet sad-19 ta' Diċembru 2011 l-aktar tard.

(2) Minkejja s-subartikolu (1) meta l-Awtorità tqis li l-applikazzjoni tal-imsemmi subartikolu tkun tirriżulta fi tnaqqis tad-drittijiet jew f'estensjoni tal-obbligazzjonijiet fuq persuna li jkollha awtorizzazzjoni bħal dik jew id-dritt ta' użu li kien diġà jeżisti, l-Awtorità tista' testendi l-validità ta' dawk l-awtorizzazzjonijiet jew il-jeddijiet ta' użu sat-30 ta' Settembru 2012, sakemm tikkunsidra li d-drittijiet ta' persuni oħra ma jiġux affettwati b'mod kuntrarju b'dan kollu. L-Awtorità għandha tavża dwar estensjoni bħal dik lill-Kummissjoni Ewropea u tiddikjara x'ikunu r-raġunijiet għal dan.

*bi żball dan l-artikolu kien oriġinarjament ġie enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu 52 - ara l-ispjegazzjoni fin-nota ta' qiegħ il-paġna mal-artikolu 46.
†bi żball dan l-artikolu kien oriġinarjament ġie enumerat mill-ġdid bħala l-artikolu 53 - ara l-ispjegazzjoni fin-nota ta' qiegħ il-paġna mal-artikolu 46.

Eżenzjoni mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att.
Miżjud: XVIII. 2000.31. Emendat: VII. 2004.28; XXX. 2007.35. Enumerat mill-ġdid: XII. 2010.5. Emendat: IX. 2011.41.

55. (1) Huma eżenti mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att *networks* u, jew servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi tal-Istat stabbiliti għall-ħtiġiet tad-difiża jew tas-sikurezza pubblika.

(2) Il-Prim Ministru jista' b'ordni pubblikat fil-Gazzetta jeżenta minn kull disposizzjoni ta' dan l-Att *networks* u, jew servizz ta' telekomunikazzjonijiet elettroniċi li tkun proprjetà ta' Dipartiment tal-Gvern jew ta' korp imwaqqaf b'liġi jew ta' kumpannija li fiha l-Gvern ta' Malta jkollu mill-inqas disgħin fil-mija ta' kull kapital azzjonarju mħallas u tkun użata għall-iskopijiet tiegħu jew esklużivament għall-finijiet tal-Gvern u meta joħroġ tali eżenzjoni l-Prim Ministru jista' wkoll jimponi kondizzjonijiet għal dik l-eżenzjoni kif jidhirlu xieraq.